// Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 28

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 66

31 ta’ Jannar 2023

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta’ Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta’ ħut tal-baħar fond** ...................... 1

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta’ Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta’ stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed** ............ 220

MT

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/194

**tat-30 ta' Jannar 2023**

**li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħrajn, kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.

(2) Il-Kunsill għandu r-responsabbiltà li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż kundizzjonijiet li huma marbuta b'mod funzjonali magħhom, kif ikun xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Barra minn hekk, għal stokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi (MAPs), il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-miri u mal-miżuri stabbiliti f'dawk il-pjanijiet. Skont l-Artikolu 16(1) ta' dak ir-Regolament (UE), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew sajd.

(3) It-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fil-laqgħat tal-kunsilli konsultattivi. It-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll f'konformità mal-pjanijiet pluriennali rilevanti.

(4) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2019, għalkemm japplikaw ċerti eżenzjonijiet. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni adottat numru ta' regolamenti delegati li jistabbilixxu d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-forma ta' pjanijiet tal-iskartar tas-sajd speċifiku.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(5) L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art jenħtieġ li jqisu l-fatt li l-iskartar fil-prinċipju ma għadux permess. Għalhekk, dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali (minflok għall-ħatt l-art jew minflok il-qabdiet mixtieqa), kif stipulat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-kwantitajiet li, b'eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art, jistgħu jibqgħu jiġu skartati jenħtieġ li jitnaqqsu minn dik iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali.

(6) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES jagħti parir li ma jinqabad xejn. Madankollu, jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell rakkomandat, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inkluż qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet fis-sajd imħallat, iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'rendiment massimu sostenibbli (MSY), huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Dawk it-TACs jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u li jipprovdu inċentivi sabiex tittejjeb is-selettività u sabiex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn dawn l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu sabiex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miżuri tekniċi u ta' kontroll li huma intrinsikament marbuta mal-opportunitajiet tas-sajd sabiex jiġi pprevenut l-iskartar illegali.

(7) Sabiex jiġi ggarantit, sa fejn huwa possibbli, l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd f'sajd imħallat f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li tiġi stabbilita riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti għall-Istati Membri li ma għandhomx kwota sabiex ikopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom.

(8) Il-Pjan Pluriennali għall-Baħar tat-Tramuntana ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u daħal fis-seħħ fl-2018. Il-Pjan Pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u daħal fis-seħħ fl-2019. L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) ta' dawk ir-Regolamenti jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-medda tal-valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw fl-MSY ("medda ta' $F_{MSY}$") u mas-salvagwardji previsti f'dawk ir-Regolamenti. Il-meded ta' $F_{MSY}$ ġew stabbiliti fil-parir rilevanti tal-ICES. Meta ma tkunx disponibbli informazzjoni xjentifika xierqa, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet ta' qabdiet aċċessorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ ta' prekawzjoni, kif stabbilit f'dawk ir-Regolamenti.

(9) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/973 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/472, meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament tkun anqas mill-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa ($B_{lim}$) ([4]), għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju sabiex jiżguraw ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk inkwistjoni u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew stokkijiet oħrajn fis-sajd.

(10) It-TACs għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

([4]) $B_{lim}$ hija l-bijomassa li taħtha jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

(11) Għal stokkijiet li għalihom ma hemmx biżżejjed data jew li d-data li hemm dwarhom ma hijiex affidabbli sabiex jiġu pprovduti stimi tad-daqs tal-istokk, il-miżuri ta' ġestjoni u l-livelli tat-TAC jenħtieġ li jsegwu l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (8), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jitqiesu fatturi speċifiċi għall-istokk, inkluż, b'mod partikolari, informazzjoni disponibbli dwar ix-xejriet tal-istokk u kunsiderazzjonijiet ta' sajd imħallat.

(12) F'konformità mal-pjan pluriennali għall-Ilmijiet tal-Punent stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/472, il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) ta' dak ir-Regolament għandha tinżamm fil-meded ta' $F_{MSY}$ definiti fl-Artikolu 2, il-punt (2), ta' dak ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 4 tiegħu. Għalhekk, il-mortalità ġenerali mis-sajd għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES jenħtieġ li tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY tal-ICES u mal-valur tal-punt ta' $F_{MSY}$, filwaqt li jitqiesu l-qabdiet kummerċjali, inkluż il-ħatt l-art u l-iskartar, u l-qabdiet rikreattivi. Il-valur tal-punt $F_{MSY}$ huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd li jagħti l-MSY fit-tul. L-Istati Membri rilevanti (Franza u Spanja) jenħtieġ li jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-mortalità mis-sajd mill-flotot u mis-sajjieda rikreattivi tagħhom ma taqbiżx il-valur tal-punt $F_{MSY}$, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472.

(13) Jenħtieġ li jinżammu miżuri għas-sajd rikreattiv għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, fid-dawl tal-impatt sinifikanti tagħhom fuq dak l-istokk. Il-limitu tal-qabda jenħtieġ li jinżamm f'konformità mal-parir xjentifiku. Ix-xbieki fissi jenħtieġ li jiġu esklużi, peress li ma humiex selettivi biżżejjed u x'aktarx jaqbdu numru ta' eżemplari li jaqbżu l-limiti stabbiliti. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ambjentali, soċjali u ekonomiċi, speċjalment id-dipendenza tas-sajjieda kummerċjali fil-komunitajiet kostali mill-istokkijiet inkwistjoni, il-miżuri għall-ispnotta jiksbu bilanċ xieraq bejn l-interessi tas-sajjieda kummerċjali u dawk rikreattivi. B'mod partikolari, il-miżuri jippermettu lis-sajjieda rikreattivi jistadu billi jqisu l-impatt tagħhom fuq l-istokkijiet.

(14) Fl-4 ta' Novembru 2021, l-ICES ta parir li, għall-2022, meta jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju, jenħtieġ li jkun hemm qabdiet żero tas-sallura (*Anguilla anguilla*) fil-ħabitats kollha u fl-istadji kollha tal-ħajja, tul il-medda naturali tagħha. Dan japplika kemm għall-qabdiet rikreattivi kif ukoll dawk kummerċjali u jinkludi l-qabdiet ta' frieħ tas-sallura għar-ristokkjar u għat-trobbija. L-ICES irrikonoxxa wkoll li l-qabdiet għall-iskop uniku ta' ħelsien sussegwenti jistgħu jkunu parti minn miżuri ta' konservazzjoni jekk tali miżuri jtejbu l-probabbiltà ġenerali ta' sopravivenza. Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Kunsilli Konsultattivi u lill-gruppi tal-Istati Membri reġjonali dwar kif l-aħjar li jiġi implimentat dan il-parir tal-ICES. Barra minn hekk, fit-30 ta' Mejju 2022, l-ICES innota li minkejja l-isforzi tal-Istati Membri, ma sar l-ebda progress ġenerali fl-ilħuq tal-objettiv ta' ħarba tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda ta' 40 % madwar l-Unjoni kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 [6], u li ma ġiet osservata l-ebda xejra ċara għall-mortalità. L-ICES irrakkomanda wkoll li l-isforzi jenħtieġ li jkunu ffokati fuq miżuri ta' konservazzjoni li, skont id-definizzjoni, għandhom probabbiltà kbira li jnaqqsu l-mortalità u jżidu l-ħarba.

(15) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 li ssaħħaħ il-miżuri ta' ġestjoni għas-sallura fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM), preċedentement stabbiliti bir-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1. Dawk il-miżuri jinkludu perjodu annwali ta' għeluq ta' sitt xhur li jiġi ddeterminat minn kull Parti Kontraenti f'konformità mal-pjan jew il-pjanijiet ta' ġestjoni għas-sallura u max-xejriet temporali tal-migrazzjoni tas-sallura fil-Partijiet Kontraenti, kif ukoll projbizzjoni tas-sajd rikreattiv. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu perjodu ta' għeluq ta' sitt xhur konsekuttivi jew jistabbilixxu perjodu ta' għeluq mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u tliet xhur

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

addizzjonali li għandhom jintgħażlu bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Novembru. Jenħtieġ li l-perjodu ta' għeluq għall-attività kummerċjali u l-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv japplikaw għall-ilmijiet tal-Baħar Mediterran kollha u għall-ilmijiet salmastri bħall-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet ta' tranżizzjoni, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Billi r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 ma tapplikax għall-Baħar l-Iswed us-sistemi tax-xmajjar marbutin miegħu ma jikkostitwixxux il-ħabitat naturali tas-sallura Ewropea għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007 ([7]), il-miżuri rigward is-sallura jenħtieġ li ma japplikawx għall-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM).

(16) Fit-3 ta' Novembru 2022, l-ICES tenna għall-2023 il-parir tiegħu dwar il-qabdiet żero għas-sallura fil-ħabitats kollha. Abbażi ta' dak il-parir, u filwaqt li jitqies ir-rispons li wasal matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, huwa xieraq li l-perjodu ta' għeluq għal kwalunkwe attività tas-sajd tas-sallura fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Grigal tal-Atlantiku jiġi estiż għal sitt xhur. Perjodu ta' għeluq ta' sitt xhur għandu jipproteġi l-istokk aħjar mill-miżuri attwali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Il-perjodu ta' għeluq estiż, filwaqt li jippermetti t-tkomplija tal-miżuri ta' ristokkjar, ser jikkontribwixxi għall-irkupru tal-istokk tas-sallura u b'hekk ikompli jintlaħaq l-objettiv ta' ħarba ta' mill-inqas 40 % tas-sallura adulta stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007.

(17) Fl-ilmijiet rilevanti kollha, il-perjodu ta' migrazzjoni tas-sallura huwa influwenzat minn firxa wiesgħa ta' fatturi ambjentali u bijoloġiċi u għalhekk jista' jvarja skont l-istadju tal-ħajja tas-sallura, u skont il-ħabitat u ż-żona ġeografika, b'mod partikolari l-istretti. Għalhekk jista' jkun hemm raġunijiet xierqa biex jiġu stabbiliti perjodi ta' għeluq differenti, b'mod partikolari għal żoni tas-sajd differenti ta' Stat Membru u għal sajd differenti f'dawk iż-żoni tas-sajd, sabiex jitqiesu dawk l-elementi kif ukoll ix-xejriet tal-migrazzjoni temporali u ġeografika tas-sallura fl-istadju tal-ħajja tal-ferħ tas-sallura u tas-sallura tal-fidda rispettivament. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jiddeterminaw il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq rilevanti abbażi ta' dawk l-elementi.

(18) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007, ir-ristokkjar tal-ferħ tas-sallura huwa miżura ta' konservazzjoni magħżula minn ċerti Stati Membri fil-pjanijiet tagħhom ta' ġestjoni tas-sallura. Sabiex dawk l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jimplimentaw din il-miżura ta' konservazzjoni, jeħtieġ li l-frieħ tas-sallura jinqabdu fiż-żmien xieraq tas-sena. Sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika tas-sajd tal-frieħ tas-sallura, jeħtieġ li jiġi permess il-qbid ta' xi frieħ tas-sallura għal skopijiet oħra wkoll. Fl-aħħar nett, minħabba l-istat tal-istokk tas-sallura, huwa xieraq li jiġi pprojbit is-sajd rikreattiv għas-sallura.

(19) Il-parir xjentifiku għall-istokkijiet tal-elażmobranki (rebekkini, klieb il-baħar, raj) huwa li ma jkunx hemm qabdiet, minħabba l-istat ta' konservazzjoni dgħajjef tagħhom. Barra minn hekk, rati għoljin ta' sopravivenza jfissru li r-rimi, aktar milli l-ħatt l-art tal-qabdiet, jappoġġa l-konservazzjoni ta' dawk l-istokkijiet, peress li r-rimi ma huwiex meqjus li jżid b'mod sinifikanti l-mortalità mis-sajd tagħhom. Għalhekk, is-sajd ta' speċijiet bħal dawn jenħtieġ li jkun ipprojbit. Skont l-Artikolu 15(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art ma japplikax għal speċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit.

(20) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet bħal dawn jenħtieġ li jkunu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd tagħhom.

(21) Fit-12-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (Manila, mit-23 sat-28 ta' Ottubru 2017), ġew inklużi numru ta' speċijiet fil-listi ta' speċijiet protetti fl-Appendiċijiet I u II ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi prevista l-protezzjoni ta' dawk l-ispeċijiet fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fl-ilmijiet kollha u l-bastimenti ta' pajjiżi terzi u li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(22) Sabiex jiġi mmassimizzat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd, huwa xieraq li tkun permessa l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn ċerti żoni tat-TAC fejn l-istess stokk bijoloġiku huwa kkonċernat.

([7]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2008 li tistabbilixxi li, għall-finijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007, il-Baħar l-Iswed u s-sistemi tax-xmajjar marbutin miegħu ma jikkostitwixxux il-ħabitat naturali tas-sallura Ewropea (ĠU L 98. 10/4/2008, p. 14).

(23) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 ([8]) introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni tat-TACs minn sena għal sena, inkluż dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għat-TACs prekawzjonarji u analitiċi (l-Artikoli 3 u 4). Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi għal liema stokkijiet ma għandhomxjapplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tagħhom. L-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 introduċa l-mekkaniżmu ta' flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju ta' sfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, li xxekkel l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS u l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jenħtieġ li japplikaw għat-TACs analitiċi biss meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(24) Meta TAC tiġi allokata lil Stat Membru wieħed biss, huwa xieraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jiddetermina dik it-TAC. Jenħtieġ li jiġi żgurat li, meta jiddetermina l-livell ta' TAC, l-Istat Membru jaġixxi b'mod li jkun konsistenti għalkollox mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS.

(25) Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-isforz tas-sajd għall-2023 f'konformità mal-Artikoli 5, 6, 7 u 9 u mal-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1627.

(26) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([9]), u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 tiegħu, dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri jridu jużaw meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(27) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) ikkonfermat il-miżuri ta' konservazzjoni għaż-żewġ stokkijiet tar-redfish (*Sebastes mentella*) (pelaġiku tal-baxx u pelaġiku tal-fond) fil-Baħar Irminger u fl-ilmijiet tal-madwar, li bihom tipprojbixxi sajd dirett għal dawk l-istokkijiet u pprojbiet kwalunkwe attività ta' sostenn. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji, l-NEAFC ipprojbiet l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona fejn jinġema' r-redfish. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. L-NEAFC ma adottatx rakkomandazzjonijiet għar-redfish u għall-ħalibatt ta' Greenland fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES. Għalhekk jenħtieġ li l-kwoti tal-Unjoni jiġu stabbiliti f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni espressa fl-NEAFC. Madankollu, peress li għaddejjin diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-fehim politiku bejn l-Unjoni u n-Norveġja fir-rigward tas-sajd fiż-żoni 1 u 2 tal-ICES, huwa xieraq li l-Unjoni tistabbilixxi, wara l-31 ta' Marzu 2023, it-TAC għar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES, minħabba li s-sajd huwa limitat għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2023, u li l-Unjoni tistabbilixxi kwota proviżorja tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-ewwel kwart tal-2023 għal 25 % tal-kwota globali tal-Unjoni ta' 1 711-il tunnellata, li tikkorrispondi għal 9,25 % tat-TAC kif propost mill-UE fil-laqgħa annwali tal-NEAFC (18 494 tunnellata).

(28) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) qablet li żżomm it-TACs stabbiliti fl-2022 għall-pixxispad tal-Mediterran u tat-Tramuntana tal-Atlantiku (*Xiphias gladius*), l-alonga tal-Mediterran (*Thunnus alalunga*), il-marlin blu (*Makaira nigricans*), il-marlin abjad (*Tetrapturus albidus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u l-ħuta kaħla (*Prionace glauca*). L-ICCAT stabbiliet ukoll it-TACs għall-2023 għat-tonna (*Thunnus thynnus*) u għall-pixxispad tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ta' 40 570 u 10 000 tunnellata rispettivament. L-ICCAT adottat ukoll kwoti allokati għall-alonga tal-Mediterran għall-2023 u l-2024. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u tal-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(29) Għall-ewwel darba, l-ICCAT adottat ukoll proċedura ta' ġestjoni (MP) għat-tonna. Din il-miżura għandha l-għan li tiżgura sajd fit-tul, sostenibbli u bi profitt kemm tal-istokk tal-Punent kif ukoll tal-istokk tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran. Il-proċedura ta' ġestjoni timplimenta l-objettivi ta' ġestjoni għat-tonna tal-Lvant u tal-Punent, inkluż l-adozzjoni ta' ċikli ta' ġestjoni ta' tliet snin, u skeda ta' implimentazzjoni sal-2028. It-TAC skont il-proċedura ta' ġestjoni għall-perjodu 2023-2025 hija ta' 40 570 tunnellata fis-sena għall-istokk tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran. Għalhekk, dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(30) L-ICCAT adottat pjan ta' ġestjoni għall-pixxitondu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar (*Isurus oxyrinchus*) li jinqabad flimkien ma' sajd ieħor tal-ICCAT, li jibda fl-2023, biex jiġi miġġieled is-sajd eċċessiv immedjatament, u gradwalment jinkisbu livelli ta' bijomassa suffiċjenti sabiex jiġi appoġġat l-MSY. Dan il-pjan jippermetti ż-żamma tal-qabdiet aċċessorji tal-pixxitondu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar għal total ta' 1 295 tunnellata, li jirrappreżentaw 503 tunnellata għall-Unjoni. Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT, il-kwota taż-żamma limitata ma tikkostitwixxi l-ebda dritt fit-tul u hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċess futur ta' allokazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li din il-miżura tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni bl-istabbiliment ta' TAC għall-qabdiet aċċessorji u kwota korrispondenti tal-Unjoni.

(31) Sabiex titnaqqas il-mortalità mis-sajd tal-frieħ tat-tonn obeż u tat-tonna safra, l-ICCAT żammet ukoll limitu massimu ta' 300 irkaptu sabiex jinġemal-ħut (FADs) għal kull bastiment tas-sajd fl-2023 u perjodu ta' għeluq ta' tnejn u sebgħin jum għall-użu tal-FADs. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(32) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2021, l-ICCAT adottat pjan ta' bini mill-ġdid ta' 15-il sena għall-alonga tal-Mediterran mill-2022 sal-2036. Għall-2023, l-ICCAT stabbiliet it-TAC għall-alonga tal-Mediterran għal 2 500 tunnellata. Barra minn hekk, l-ICCAT stabbiliet TAC għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana ta' 37 801 tunnellata għall-perjodu mill-2022 sal-2023, abbażi tar-regola tal-qbid bil-ħsieb li tiġi adottata proċedura għall-ġestjoni fit-tul ta' dan l-istokk. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(33) Skont diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, l-Unjoni tista', fuq talba, tittrasferixxi perċentwal tal-kwota mhux użata tagħha għal stokkijiet tal-ICCAT fil-perjodu ta' sentejn. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2022 ([10]) mill-aktar fis possibbli, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ICCAT fit-totalità tagħhom kif previst mill-ICCAT għall-2023. Sakemm jiġu implimentati dawk ir-rakkomandazzjonijiet fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kwoti għal Stati Membri individwali għal ċerti stokkijiet abbażi ta' kwota totali tal-Unjoni għall-2023 kif miftiehem mill-ICCAT qabel kwalunkwe aġġustament minħabba sajd eċċessiv jew sajd insuffiċjenti mill-Istati Membri. L-aġġustamenti għall-kwoti tal-Istati Membri individwali għall-2023 li jirriflettu kwalunkwe tnaqqis applikat mill-ICCAT jenħtieġ li jitwettqu sussegwentement abbażi tar-regoli tal-Unjoni dwar it-tnaqqis skont l-Artikolu 105 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u b'kont meħud tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ([11]) dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) ta' dak ir-Regolament.

(34) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) adottat limiti ta' qbid għall-ispeċijiet fil-mira u għal dawk aċċessorji għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Novembru 2023. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(35) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), żammet il-miżuri adottati qabel applikabbli fil-Qasam ta' Kompetenza tal-IOTC. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jibqgħu jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(36) Il-laqgħa annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) se ssir mis-6 sal-15 ta' Frar 2023. Għalhekk, il-miżuri attwali fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO li huma marbuta b'mod funzjonali mat-TACs jenħtieġ li jinżammu b'mod proviżorju sakemm issir il-laqgħa annwali u jiġu ddeterminati t-TACs għall-2023.

([10]) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) 2022/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

([11]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar linji gwida għat-tnaqqis tal-kwoti skont l-Artikolu 105(1), (2) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u li tissostitwixxi l-Komunikazzjoni 2012/C 72/07 2022/C 369/03 (C/2022/6757) (ĠU C 369, 27.9.2022, p. 3).

(37) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) iddeċidiet li żżomm il-miżuri attwali applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(38) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) ikkonfermat it-TAC għat-tonna tan-Nofsinhar (*Thunnus maccoyii*) għall-2023, kif adottata fil-laqgħa annwali tal-2020 għal perjodu ta' tliet snin (mill-2021 sal-2023). Dik il-miżura jenħtieġ li tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni.

(39) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) iddeċidiet li fl-2023 iżżomm il-maġġoranza tat-TACs stabbiliti għall-2022 għall-ispeċijiet taħt ir-responsabbiltà tagħha sal-laqgħa annwali tagħha tal-2023.

(40) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) iddeċidiet li żżomm il-miżuri attwali applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(41) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2022, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fis-subżoni 1 sa 4 taż-żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO għall-2023. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(42) Fid-disa' laqgħa annwali tiegħu fl-2022, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) żamm l-opportunitajiet tas-sajd li kienu ġew adottati qabel għall-istokkijiet koperti minn dak il-Ftehim. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jibqgħu jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(43) Skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([12]) (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom ikollhom konsultazzjonijiet kull sena biex jaqblu, sal-10 ta' Diċembru ta' kull sena, it-TACs għas-sena ta' wara għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tiegħu tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jekk dawn it-TACs ma jiġux konklużi sal-10 ta' Diċembru, il-Partijiet iridu minnufih jerġgħu jibdew il-konsultazzjonijiet bl-għan kontinwu li jintlaħaq qbil dwar it-TACs, kif meħtieġ mill-Artikolu 499(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.

(44) Fl-2022, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet trilaterali dwar sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt li jinsabu fiż-żoni taħt il-ġuriżdizzjoni tat-tliet Partijiet kollha, bl-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inkluż l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023. Dawk il-konsultazzjonijiet saru bejn it-3 ta' Novembru u d-9 ta' Diċembru 2022, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2022. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul, iffirmat mill-Kap tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja fid-9 ta' Diċembru 2022. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell maqbul mar-Renju Unit u n-Norveġja, flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Rekord Maqbul.

(45) Il-miżuri ta' rimedju maqbula b'mod konġunt fl-2022 mar-Renju Unit u n-Norveġja dwar il-bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana għandhom jinżammu biex jippermettu l-irkupru u l-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokk f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2018/973.

(46) L-Unjoni jkollha konsultazzjonijiet bilaterali kull sena man-Norveġja dwar żewġ stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt fiż-żona ta' Skagerrak, bl-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inkluż l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena ta' wara, kif ukoll skambji ta' kwoti u arranġamenti dwar l-aċċess.

(47) L-Unjoni jkollha konsultazzjonijiet multilaterali mal-Istati kostali dwar l-istabbiliment tal-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet pelaġiċi kbar li jinkludu l-kavall, l-istokkafixx u l-aringa Atlantu-Skandjana u dwar arranġament ta' kondiviżjoni għall-kavall.

([12]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

(48) Peress li l-konsultazzjonijiet bilaterali man-Norveġja għadhom ma ġewx konklużi, jenħtieġ li l-Kunsill, b'rispett sħiħ tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS), jistabbilixxi TACs proviżorji għas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali, u l-ilmijiet li jingħata aċċess għalihom lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, u jinnotifika lin-Norveġja b'dan. Dawk it-TACs proviżorji huma bbażati fuq tiġdid tat-TACs għall-2022 adottati mill-Kunsill, bl-applikazzjoni ta' proporzjon ta' 25 % għal dawn il-livelli tat-TAC għall-2022, sabiex jiġi kopert l-ewwel kwart tal-2023.

(49) It-TACs proviżorji għandhom l-għan li jiżguraw iċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-Unjoni u li jiżguraw il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd sostenibbli sakemm jiġu konklużi dawk il-konsultazzjonijiet f'konformità mal-qafas legali tal-Unjoni u mal-obbligi internazzjonali jew, jekk ma jkunux jistgħu jiġu konklużi b'suċċess, sakemm il-Kunsill jistabbilixxi TACs unilaterali definittivi tal-Unjoni.

(50) Fis-16 ta' Diċembru 2022, l-Unjoni qablet mar-Renju Unit dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' TACs għall-2023 għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat fir-Rekord bil-Miktub, li ġie approvat mill-Kunsill fl-20 ta' Diċembru 2022 u ffirmat mill-Kap tad-Delegazzjoni tar-Renju Unit u mir-rappreżentant tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 498(6) tal-FKK u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 ([13]). Ir-Rekord bil-Miktub huwa r-riżultat ta' konsultazzjonijiet imwettqa mill-Unjoni mar-Renju Unit f'konformità mal-Artikoli 498(2), 498(4) u 498(6) tat-FKK, mal-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2, 3, 28 u 33 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, mal-Artikoli 4 u 5 tal-MAPs tal-Ilmijiet tal-Punent u tal-Baħar tat-Tramuntana, u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875. Il-pożizzjoni tal-Unjoni matul il-konsultazzjonijiet kienet ibbażata fuq dawk l-objettivi u l-prinċipji u fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, prinċipalment dak ipprovdut mill-ICES f'konformità mal-Artikolu 494(3)(c) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell stipulat f'dak ir-Rekord bil-Miktub, u jenħtieġ li l-miżuri l-oħra li huma marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti wkoll f'dak ir-Rekord bil-Miktub jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(51) Hemm ċerti stokkijiet kondiviżi ġestiti b'mod konġunt mar-Renju Unit li għalihom l-ICES, filwaqt li vvalutahom skont l-MSY, ħareġ parir xjentifiku għal qabdiet żero. Jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat f'dan il-parir, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha kemm fl-ilmijiet tal-Unjoni kif ukoll dawk tar-Renju Unit, inkluż qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet fis-sajd imħallat, iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". Sabiex ikun hemm bilanċ bejn il-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' dak is-sajd imħallat bil-ħsieb tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi tal-interruzzjoni sħiħa ta' dak is-sajd u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, u filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għall-qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Jenħtieġ li dawk it-TACs jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u li jipprovdu inċentivi sabiex tittejjeb is-selettività u sabiex jiġu evitati qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Jenħtieġ li l-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti f'konformità mar-Rekord bil-Miktub sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tal-Unjoni filwaqt li jiġi previst l-irkupru sinifikanti tal-bijomassa ta' dawk l-istokkijiet.

(52) Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-linarda fl-ilmijiet internazzjonali taż-żona 1 u 2 tal-ICES (BLI/12INT-), il-linarda fil-Baħar tat-Tramuntana (BLI/24-), il-linarda fiSkagerrak (BLI/03/A-), il-bakkaljaw fil-Baħar Irlandiż (COD/07 A), il-bakkaljaw fil-Punent tal-Iskozja (COD/5BE6 A), il-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku (COD/7XAD34), l-aringa fil-Baħar Ċeltiku (HER/7G-K), is-sawrell (Punent) (JAX/2 A-14) ([14]), il-paġella ħamra 6, 7 u 8 (SBR/678-) u l-merlangu fil-Baħar Irlandiż (WHG/07 A) hija taħt il-punti ta' referenza tal-bijomassa ($B_{lim}$), l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li huwa neċessarju li, bħala miżura ta' rimedju addizzjonali, li fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet jenħtieġ li ma tintuża ebda flessibbiltà minn sena għal sena għal trasferimenti mill-2022 għall-2023, sabiex il-qabdiet fl-2023 ma

([13]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

([14]) Din testendi għas-sawrell tan-Nofsinhar (JAX/8C.).

jaqbżux it-TAC stabbilita għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk, l-Istati Membri kkonċernati għamlu dikjarazzjoni li fiha impenjaw ruħhom li ma jużawx dik il-flessibbiltà għal dawk l-istokkijiet. Dik id-dikjarazzjoni tkopri wkoll il-merluzz fil-Kattegat (COD/03AS.), il-grenadier imnieħru tond fi Skagerrak, Kattegat u l-Baħar Baltiku (RNG/03-), il-Gamblu tat-Tramuntana fil-Baħar tat-Tramuntana (PRA/2AC4-C), il-Lingwata komuni fil-Punent tal-Iskozja (SOL/56-14) u s-sawrell (tan-Nofsinhar) (JAX/08C.), li l-istokkijiet awtonomi tagħhom għandhom ukoll bijomassa ta' anqas mill-$B_{lim}$

(53) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li, minħabba t-titjib ivvalutat tal-istatus tal-istokk tal-mazzola griża (*Squalus acanthias*), dan l-istokk jenħtieġ li ma jibqax speċi pprojbita iżda li, sabiex jiġi protett komponent ta' dan l-istokk li huwa partikolarment vulnerabbli għall-mortalità mis-sajd, huwa xieraq li jiġi skoraġġut is-sajd dirett immirat lejn aggregazzjonijiet ta' nisa maturi. Għal dan l-għan, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jenħtieġ li jiġi rispettat daqs massimu ta' 100 cm, meta jkun qed isir sajd għal mazzoli griżi. Miżura bħal din hija marbuta b'mod funzjonali mat-TAC għall-istokk, peress li mingħajr miżura bħal din il-livell tat-TAC waħdu ma jiżgurax protezzjoni suffiċjenti għall-ħut femminili li jkun qed iwelled, li jikkostitwixxi grupp partikolarment vulnerabbli tal-popolazzjoni. Dak id-daqs massimu għandu jieqaf japplika fid-data li fiha jsir applikabbli att delegat li jintroduċi miżuri korrispondenti u li jirregola t-trattament tal-qabdiet ta' dawk l-istokkijiet ta' aktar minn 100 cm."

(54) L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar aċċess reċiproku fl-2023 biex jimmiraw għal total inizjali ta' 280 tunnellata ta' alonga tat-Tramuntana fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tagħhom. Dan jeskludi l-aċċess għaż-żoni koperti mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(55) Il-lista ta' stokkijiet li għalihom japplika tiġdid tat-TAC ogħla minn 25 % hija bbażata fuq l-analiżi tal-użu tal-kwota mill-Istati Membri fl-ewwel kwart tal-aħħar tliet snin li għalihom hemm data disponibbli (2018-2021). Dawk it-TACs proviżorji miżjuda huma f'konformità mal-parir tal-ICES, mal-qafas legali applikabbli tal-Unjoni u mal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Dawn ser jippermettu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jużaw l-opportunitajiet tas-sajd li huma intitolati għalihom u li altrimenti kienu jkunu mċaħħda minnhom, minħabba l-istaġjonalità tas-sajd tal-istokkijiet ikkonċernati.

(56) Dan il-livell jitqies bħala suffiċjenti għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni mill-inqas sal-31 ta' Marzu 2023.

(57) L-Unjoni ser tinnotifika lill-pajjiżi terzi rilevanti dwar it-TACs proviżorji.

(58) L-għeluq staġjonali għas-sajd taċ-ċiċċirell b'ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jitkompla sabiex jippermetti l-protezzjoni taż-żoni ta' riproduzzjoni u l-limitazzjoni ta' qabdiet ta' ħut li jkun għadu qed jikber.

(59) F'konformità mal-proċedura prevista fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll li jimplimenta dak il-Ftehim ([15]), il-Kumitat Konġunt stabbilixxa l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2023. Il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2023 ġie ddokumentat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret fit-23 u l-24 ta' Novembru 2022 fi Brussell. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell stipulat f'dawk il-minuti, u filwaqt li jitqiesu t-trasferimenti mistennija lin-Norveġja skont l-iskambju annwali tal-opportunitajiet tas-sajd.

(60) L-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin (*Mallotus villosus*) fl-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 għall-perjodu tas-sajd mill-15 ta' Ottubru 2022 sal-15 ta' April 2023 huma mmarkati bħala "irid jiġi stabbilit" fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109. Fil-5 ta' Ottubru 2022, l-awtoritajiet ta' Greenland taw informazzjoni lill-Unjoni dwar il-livell tal-kwota għall-kapelin offruta lill-Unjoni għall-istaġun tas-sajd 2022-2023 fil-qafas tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokoll ta' implimentazzjoni tiegħu, li jikkorrispondi għal 7 760 tunnellata. Skont ir-Rekord Maqbul tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn l-Unjoni u n-Norveġja għall-2022, iffirmat fl-10 ta' Diċembru 2021, jenħtieġ li din il-kwantità tiġi ttrasferita lin-Norveġja għall-istaġun tas-sajd 2022-2023. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti skont dan.

([15]) ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3.

(61) Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-isnow crab (*Chionoecetes* spp.) madwar iż-żona ta' Svalbard, it-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 dwar Spitsbergen (Svalbard) ("it-Trattat ta' Pariġi tal-1920") jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi madwar Svalbard lill-partijiet kollha għal dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar dak l-aċċess, fir-rigward tas-sajd għall-isnow crab fuq il-blata kontinentali madwar Svalbard, ġiet stabbilita f'diversi notes verbales lin-Norveġja, l-aħħar fosthom datati s-26 ta' Frar 2021, it-28 ta' Ġunju 2021 u l-1 ta' Awwissu 2022.Sabiex jiġi żgurat li l-isfruttament tal-isnow crab madwar Svalbard isir konsistenti ma' kwalunkwe regola ta' ġestjoni nondiskriminatorja li tista' tistabbilixxi n-Norveġja, li tgawdi minn sovranità u ġuriżdizzjoni fiż-żona f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar u tat-Trattat ta' Pariġi tal-1920, huwa xieraq li jiġi stabbilit in-numru ta' bastimenti li huma awtorizzati li jagħmlu sajd bħal dan. L-allokazzjoni ta' tali opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri hija limitata għall-2023. Huwa mfakkar li fl-Unjoni r-responsabbiltà primarja li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.

(62) Fir-rigward ta' opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard, it-Trattat ta' Pariġi tal-1920 jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi fl-inħawi ta' Svalbard lill-partijiet kollha ta' dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Għalhekk jenħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi l-kwota tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES abbażi tat-TAC ta' referenza tal-bakkaljaw Artiku tal-Grigal u tad-drittijiet tas-sajd storiċi tal-Unjoni. F'konformità mal-fehim politiku bejn l-Unjoni u n-Norveġja fir-rigward tas-sajd fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES tad-29 ta' April 2022, in-Norveġja jenħtieġ li tistabbilixxi kwota ta' bakkaljaw għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard għal 2,8274 % tat-TAC ta' referenza fil-leġiżlazzjoni tagħha, li tikkorrispondi wkoll għad-drittijiet tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi tal-1920. Peress li d-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-fehim politiku bejn l-Unjoni u n-Norveġja għadhom għaddejjin, huwa xieraq li l-Unjoni tistabbilixxi għall-ewwel kwart tal-2023 kwota proviżorja tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona 1 u d-diviżjoni 2b tal-ICES. Il-livell ta' dik il-kwota proviżorja tal-Unjoni jenħtieġ li jiġi stabbilit għal 3 907 tunnellata, b'kont meħud tas-sehem storiku tal-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard. Barra minn hekk, in-Norveġja biħsiebha tistabbilixxi fil-leġiżlazzjoni tagħha kwota proviżorja għall-Unjoni għall-bakkaljaw fl-ilmijiet ta' Svalbard f'dak il-livell għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2023. Il-kwoti proviżorji jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/277/KEE ([16]) soġġetti għall-adattamenti meħtieġa minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u minħabba l-proporzjon bejn il-livell tal-kwota proviżorja tal-Unjoni u dak tas-sehem tal-Unjoni tal-istokk.

(63) F'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-Unjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża ([17]), jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għal-lutjan li huma disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(64) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex l-Istati Membri individwali jkunu awtorizzati jimmaniġġaw l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd f'konformità ma' sistema ta' kilowatt kuljum; sabiex jingħataw jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd u għal kopertura mtejba tal-osservaturi xjentifiċi; u sabiex jiġu stabbiliti formati ta' spreadsheet għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar it-trasferimenti ta' jiem fuq il-baħar bejn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita dawk is-setgħat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]).

([16]) 87/277/KEE: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Mejju 1987 dwar l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet għall-qabda tal-merluzz fir-reġjun ta' Spitsbergen u Bear Island u fid-Diviżjoni 3M kif inhi definita fil-Konvenzjoni tan-NAFO (ĠU L 135, 23.5.1987, p. 29).

([17]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 55).

([18]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

1. In-numru ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn (*Thunnus thynnus*) ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. In-numru ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. In-numru ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness VI.

4. In-numru ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 4 tal-Anness VI.

5. In-numru ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 5 tal-Anness VI.

6. Il-kapaċità totali tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn u l-kontribut massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ li huma allokati lill-farms tal-ħut fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stabbilit fil-punt 6 tal-Anness VI.

7. In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 ([39]) għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

8. In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-anqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 8 tal-Anness VI.

*Artikolu 24*

**Sajd rikreattiv**

Meta xieraq, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku mill-kwoti allokati lilhom għas-sajd rikreattiv, kif stabbilit fl-Anness ID.

*Artikolu 25*

**Klieb il-baħar**

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) maqbud fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit l-involviment f'sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru Alopias.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (għajr is-*Sphyrna tiburo*) maqbuda f'sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' klieb il-baħar ħaririn (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda fi kwalunkwe attività tas-sajd.

6. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxitondu tal-Atlantiku tat-Tramuntana (*Isurus oxyrinchus*) maqbuda f'sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

*Artikolu 26*

**FADs għat-tonn tropikali**

1. Għandu jkun ipprojbit l-użu tal-FADs fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mill-1 ta' Jannar sat-13 ta' Marzu 2023.

2. Matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, mis-17 ta' Diċembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajf tagħhom ma jużawx FADs. Kull bastiment ma għandux ikollu aktar minn 300 rkaptu sabiex jinġemal-ħut b'bagi operazzjonali użati fi kwalunkwe ħin fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

([39]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni data storika dwar l-irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs installati għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2023. Fil-każ li Stat Membru ma jirrapportax din id-data sa dik id-data, bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu ma jistgħux jinstallaw irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs sakemm il-Kummissjoni tirċievi dik id-data mingħand dak l-Istat Membru għal rapportar ulterjuri lill-ICCAT.

Taqsima 4

## Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR

*Artikolu 27*

### Notifiki ta' sajd esploratorju għall-pixxisinna

L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet esploratorji tas-sajd bil-konzijiet għall-pixxisinna (Dissostichus spp.) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO u fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a tal-FAO 'l barra miż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali fl-2023. L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jagħmlu dan, għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2023.

*Artikolu 28*

### Limiti fuq is-sajd esploratorju għall-pixxisinna

1. Is-sajd għall-pixxisinna matul l-istaġun tas-sajd 2022–2023 għandu jkun limitat għall-Istati Membri, is-subżoni u n-numru ta' bastimenti tas-sajd stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness VII, u t-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji stabbiliti fit-Tabella B ta' dak l-Anness għandhom japplikaw.

2. Is-sajd dirett ta' speċijiet ta' kelb il-baħar għal skopijiet oħrajn minbarra r-riċerka xjentifika huwa pprojbit. Kwalunkwe qabda aċċessorji ta' kelb il-baħar, speċjalment frieħ u klieb il-baħar femminili tqal, li jinqabdu aċċidentalment fis-sajd għall-pixxisinna, għandhom jiġu rilaxxati ħajjin.

3. Meta applikabbli, għandu jieqaf is-sajd f'kull unità ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRU) meta l-qabda rrapportata tilħaq it-TAC speċifikata u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun tas-sajd.

4. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 48.6 u 88.1 tal-FAO, u fid-diviżjoni 58.4.3a tal-FAO, meta permess skont l-Artikolu 26, għandu jkun ipprojbit f'fond ta' anqas minn 550 metru.

*Artikolu 29*

### Sajd għall-krill tal-Antartiku matul l-istaġun tas-sajd 2022–2023

1. L-Istati Membri li jkun beħsiebhom jistadu għall-krill tal-Antartiku (*Euphausia superba*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt l-istaġun tas-sajd 2022–2023, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2023, bl-użu tal-formola fil-Parti B tal-Appendiċi tal-Anness VII. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2023.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment tas-sajd li għandu jiġi awtorizzat sabiex jipparteċipa fis-sajd għall-krill tal-Antartiku.

3. Stat Membru li jkun beħsiebu jistad għall-krill tal-Antartiku fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan biss fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li, fil-ħin tan-notifika:

(a) itajru l-bandiera tiegħu; jew

(b) itajru l-bandiera ta’ membru ieħor tas-CCAMLR u li jkunu mistennija li jtajru l-bandiera dak l-Istat Membru fiż-żmien li jseħħ is-sajd.

4. Meta bastiment tas-sajd awtorizzat innotifikat lis-Segretarjat tas-CCAMLR f’konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 jitwaqqaf milli jipparteċipa f’sajd għall-krill tal-Antartiku minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba *force majeure*, l-Istat Membru kkonċernat jista’ jawtorizza s-sostituzzjoni tiegħu minn bastiment tas-sajd ieħor. F’każ bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdi:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) tas-sajd ta’ sostituzzjoni maħsub(a), inkluż l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004; u

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw din is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza ta’ appoġġ rilevanti.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment tas-sajd li jkun tqiegħed fuq kwalunkwe lista ta’ bastimenti tas-sajd involuti f’sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) tas-CCAMLR sabiex jipparteċipa fis-sajd għall-krill tal-Antartiku.

## Taqsima 5

## **Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC**

### *Artikolu 30*

### **Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta’ bastimenti li jistadu fiż-Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC**

1. In-numru massimu ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f’tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness VIII.

2. In-numru massimu ta’ bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f’tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness VIII.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti tas-sajd li jkunu assenjati għal waħda mill-attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, diment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li tali bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni.

4. Meta jiġi propost trasferiment ta’ kapaċità lill-flotta ta’ Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-reġistru tal-IOTC ta’ bastimenti awtorizzati jew fuq ir-reġistru ta’ bastimenti ta’ RFMOs oħrajn li jimmaniġġaw is-sajd tat-tonn. Bastimenti tas-sajd li jidhru fuq kwalunkwe lista ta’ bastimenti tal-RFMO li jkunu involuti f’attivitajiet ta’ sajd IUU ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

5. L-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għajr fil-limiti stabbiliti fil-pjanijiet ta’ żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

### *Artikolu 31*

### **Irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġemal-ħut u bastimenti tal-provvista**

1. L-irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġemal-ħut għandu jkun mgħammar b’bagi strumentati. L-użu ta’ kwalunkwe baga oħra, bħal bagi bir-radju, għandu jkun ipprojbit.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandu jsegwi fl-ebda waqt aktar minn 300 baga operazzjonali.

3. Mhux aktar minn 500 baga strumentata għandhom jinkisbu kull sena għal kull bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandu jkollu fl-ebda waqt aktar minn 500 baga strumentata (kemm maħżuna u kemm li jkunu qegħdin jitħaddmu).

4. Mhux aktar minn tliet bastimenti tal-provvista għandhom joperaw b'appoġġ ta' mhux anqas minn għaxar bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, li kollha jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal Stati Membri li jużaw bastiment tal-provvista wieħed biss.

5. Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn aktar minn bastiment wieħed tal-provvista li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

6. L-Unjoni ma għandhiex tirreġistra bastimenti tal-provvista ġodda jew addizzjonali fir-reġistru tal-bastimenti awtorizzati tal-IOTC.

*Artikolu 32*

**Klieb il-baħar**

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja *Alopiidae* fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti minn karkassa jew karkassa sħiħa ta' klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku (*Carcharhinus longimanus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd, ħlief għal bastimenti tas-sajd b'tul ġenerali ta' anqas minn 24 m involuti biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom, diment li l-qabda tagħhom tkun maħsuba biss għall-konsum lokali.

3. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

*Artikolu 33*

**Raj tal-qrun**

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għal, u ma għandhomx iżommu abbord, jittrażbordaw, iħottu l-art, jaħżnu, joffru għall-bejgħ jew ibigħu kwalunkwe parti minn karkassa jew karkassa sħiħa ta' raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae*, inkluż il-ġeneri *Manta* u *Mobula*), ħlief meta l-ħut li jinqabad jiġi kkunsmat direttament mill-familji tas-sajjieda ("sajd għall-għajxien").

Madanakollu, ir-raj tal-qrun li jinqabdu b'mod mhux intenzjonat permezz tas-sajd artiġjanali (sajd għajr is-sajd fil-wiċċ, jiġifieri tartarun tal-borża, qasab u xlief, sajd bl-għeżula, bastimenti tas-sajd bix-xlief u bir-rixa, jew sajd bil-konz li jsir minn bastimenti rreġistrati fir-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati) jistgħu jinħattu l-art għal skopijiet ta' konsum lokali.

2. Il-bastimenti tas-sajd kollha, minbarra dawk involuti f'sajd għall-għajxien, għandhom minnufih jirrilaxxaw ħaj u mingħajr ma ssirlu ħsara, sa fejn ikun prattikabbli, ir-raj tal-qrun hekk kif jidher fix-xibka, fuq is-sunnara, jew fuq il-gverta, b'tali mod li jirriżulta fl-anqas ħsara possibbli lil dawk l-eżemplari.

Taqsima 6

**Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO**

*Artikolu 34*

**Sajd ta' ħut pelaġiku**

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw attivament attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stabbiliti fl-Anness IH.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jillimitaw it-tunnellaġġ gross totali tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom u li jkunu qegħdin jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2023, għal-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' 78 600 tal-Unjoni f'dik iż-żona.

3. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużaw l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Anness IH biss jekk jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni sal-ħmistax-il jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkomunikaha lis-Segretarjat tal-SPRFMO:

(a) lista ta' bastimenti li jistadu b'mod attiv jew li jkunu involuti fit-trażbord fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(b) rapporti tal-qabdiet ta' kull xahar.

Taqsima 7

**żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC**

*Artikolu 35*

**Sajd bit-tartaruni tal-borża**

1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandhomx jistadu għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) jew għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*):

(a) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-29 ta' Lulju 2023 u 24.00 tat-8 ta' Ottubru 2023 jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Novembru 2023 u 24.00 tad-19 ta' Jannar 2024 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

— ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S;

(b) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Ottubru 2023 u 24.00 tat-8 ta' Novembru 2023 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

2. Għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' April 2023 dwar liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), il-bastiment tas-sajd ikun għażel.

3. Il-bastimenti bit-tartarun tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jittrażbordaw jew iħottu l-art it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jaqbdu.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika:

(a) meta l-ħut jitqies li ma huwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs;

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed sabiex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

*Artikolu 36*

**Irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġemal-ħut**

1. Bastiment bit-tartarun tal-borża ma għandux ikollu aktar minn 400 FAD attiv fi kwalunkwe ħin fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. FAD jitqies attiv meta jintuża fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qiegħed jiġi segwit mill-bastiment, mis-sid jew mill-operatur tiegħu. FAD għandu jiġi attivat biss abbord bastiment bit-tartarun tal-borża.

2. Matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perjodu ta' għeluq magħżul f'konformità mal-Artikolu 34(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża għandu, fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC:

(a) jastjeni milli jqiegħed irkaptu sabiex jinġemal-ħut;

(b) jirkupra l-istess numru ta' FADs kif imqiegħda inizjalment.

*Artikolu 37*

**Limiti ta' qbid għat-tonn obeż fl-attivitajiet tas-sajd bil-konz**

Il-qabdiet annwali totali tat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC mill-bastimenti tas-sajd bil-konz ta' kull Stat Membru huma stabbiliti fl-Anness IL.

*Artikolu 38*

**Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi**

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta' kwalunkwe parti minn karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi maqbuda f'dik iż-żona.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, ma għandhiex issir ħsara lill-eżemplari tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi u għandhom jintefgħu l-baħar minnufih mill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd.

3. L-operaturi tal-bastiment tas-sajd għandhom jirreġistraw in-numru ta' ħut li jinħeles u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj) u jirrapportaw dik l-informazzjoni lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni miġbura matul l-2022 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2023.

*Artikolu 39*

**Projbizzjoni tas-sajd għar-raj tal-qrun**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC ma għandhomx jistadu għar-raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae*, inkluż il-ġeneri *Manta* u *Mobula*) u ma għandhomx iżommu abbord, jittrażbordaw, iħottu l-art, jaħżnu, joffru għall-bejgħ jew ibigħu kwalunkwe parti minn karkassa jew karkassa sħiħa ta' raj tal-qrun maqbud f'dik iż-żona. Hekk kif jindunaw li nqabdu r-raj tal-qrun, huma għandhom jeħilsuhom minnufih, meta jkun possibbli ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

Taqsima 8

**żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO**

*Artikolu 40*

**Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond**

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO:

(a) il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*);

(b) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*);

(c) il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*);

(d) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*);

(e) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(f) ir-rebekkini (*Rajidae*);

(g) il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*);

(h) il-klieb il-baħar tas-superordni *Selachimorpha*;

(i) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).

Taqsima 9

**Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC**

*Artikolu 41*

**Kondizzjonijiet għas-sajd tat-tonna obeża, it-tonna safra, il-palamita u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jiġux allokati aktar minn 403 jum ta' sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fl-ibħra internazzjonali bejn 20° N u 20° S.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandux ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20° S.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet fl-2023 ma jaqbżux il-limiti stabbiliti fit-tabella fl-Anness IG.

*Artikolu 42*

**Ġestjoni ta' sajd bl-FADs**

1. Fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jqiegħdu, jimmanipulaw jew jpoġġu xbieki madwar l-irkaptu sabiex jinġemal-ħut bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2023 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2023.

2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, huwa pprojbit li wieħed ipoġġi xbieki madwar l-irkaptu sabiex jinġemal-ħut fl-ibħra miftuħa taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S għal xahrejn addizzjonali, jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tal-1 ta' April 2023 sa 24:00 tal-31 ta' Mejju 2023, jew minn 00:00 tal-1 ta' Novembru 2023 sa 24:00 tal-31 ta' Diċembru 2023.

3. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2023 dwar il-perjodu ta' għeluq magħżul. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tad-WCPFC dwar il-perjodi ta' għeluq magħżula mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Marzu 2023.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li ebda wieħed mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tiegħu ma jqiegħed fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 FAD bil-bagi strumentati attivati. Il-bagi għandhom jiġu attivati esklużivament abbord bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża.

*Artikolu 43*

**Numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad**

In-numru massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif stabbilit fl-Anness IX.

*Artikolu 44*

**Limiti ta’ qbid għall-pixxispad fis-sajd bil-konz fin-Nofsinhar ta’ 20° S**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) fin-Nofsinhar ta’ 20° S mill-bastimenti tas-sajd bil-konz fl-2023 ma jaqbżux il-limitu stabbilit fl-Anness IG. Huma għandhom jiżguraw ukoll li dan ma jirriżultax f’bidla fl-isforz tas-sajd għall-pixxispad lejn iż-żona fit-Tramuntana ta’ 20° S.

*Artikolu 45*

**Klieb il-baħar ħaririn u klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi**

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art jew il-ħżin ta’ kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-ispeċijiet li ġejjin fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC:

(a) il-klieb il-baħar ħaririn (*Carcharhinus falciformis*);

(b) il-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*).

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

Taqsima 10

**Il-Baħar Bering**

*Artikolu 46*

**Projbizzjoni ta’ sajd fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering**

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-pollakkju iswed (*Gadus chalcogrammus*) fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering.

Taqsima 11

**Żona tal-Ftehim tas-SIOFA**

*Artikolu 47*

**Limiti għas-sajd tal-qiegħ**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tas-sajd tal-qiegħ tagħhom għal-livell stabbilit fl-Anness X;

(b) ma jwettqux sajd tal-qiegħ ħlief jekk jużaw konz tal-qiegħ;

(c) ma jistadux fiż-żoni protetti b’mod temporanju ta’ Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What u Walter’s Shoal, kif definit fl-Anness IK, ħlief bil-konz tal-qiegħ u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qegħdin jistadu f’dawk iż-żoni.

*Artikolu 48*

**Projbizzjoni fuq l-immirar għall-klieb il-baħar tal-fond**

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA:

(a) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*);

(b) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*);

(c) iż-żagħrun (*Centrophorus granulosus*);

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*);

(e) il-gattarell ta' Bach (*Bythaelurus bachi*);

(f) il-kimera dark-mouth (*Chimaera buccanigella*);

(g) il-kimera Falkor (*Chimaera didierae*);

(h) is-seafarer's ghostshark (*Chimaera willwatchi*);

(i) il-mazzola bellusija mneħirha twil (*Centroscymnus crepidater*)

(j) il-kelb il-baħar plunket (*Centroscymnus plunketi*);

(k) il-kelb il-baħar bellusi (*Zameus squamulosus*);

(l) il-mazzola tal-fanal whitecheek (*Etmopterus alphus*);

(m) il-gattarell ta' żaqqu żgħira (*Apristurus indicus*);

(n) il-fenek tal-baħar bentnose (*Harriota raleighana*);

(o) il-gattarell narrowhead (*Bythaelurus tenuicephalus*);

(p) il-kelb il-baħar tal-frilli (*Chlamydoselachus anguineus*);

(q) il-muruna ta' sitt garġi (*Hexanchus nakamurai*);

(r) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(s) il-kelb il-baħar tan-Nofsinhar (*Somniosus antarcticus*);

(t) il-kelb il-baħar goblin (*Mitsukurina owstoni*).

## TITOLU III

## OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦAL BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

*Artikolu 49*

### Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd li huma rreġistrati fil-Gżejjer Faeroe jistgħu jkunu awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403.

*Artikolu 50*

### Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit jistgħu jkunu awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403.

*Artikolu 51*

### Trasferimenti u skambji tal-kwoti mar-Renju Unit

1. Kwalunkwe trasferiment jew skambju ta' kwoti bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jsir f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Stat Membru li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi jew jiskambja kwoti mar-Renju Unit jista' jiddiskuti mar-Renju Unit deskrizzjoni tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deskrizzjoni.

3. Fil-każ li l-Kummissjoni tapprova deskrizzjoni ġenerali tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2 innotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tkun marbuta b'tali trasferiment jew skambju tal-kwoti. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lir-Renju Unit u lill-Istati Membri bit-trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd irċevuti minn jew ittrasferiti lejn ir-Renju Unit taħt it-trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjuda lil, jew imnaqqsa minn, l-allokazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti jkun ġie nnotifikat f'konformità mal-paragrafu 3. Tali trasferimenti u skambji ma għandhomx ibiddlu l-iskema ta' distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

*Artikolu 52*

**Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela**

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403.

*Artikolu 53*

**Awtorizzazzjonijiet tas-sajd**

In-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun kif stabbilit fil-Parti B tal-Anness V.

*Artikolu 54*

**Kondizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji**

Il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-qabdiet u għall-qabdiet aċċessorji ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu skont l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 54 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 55*

**Speċijiet ipprojbiti**

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin meta dawn ikunu jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 3a u 7d tal-ICES; u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4;

(b) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4 u 6 sa 10 tal-ICES;

(c) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jittieħed b'konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 u 6 sa 8 tal-ICES;

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calea*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha;

(f) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(g) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, 9 u 10 tal-ICES;

(h) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Mediterran;

(i) il-kelb balena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha;

(j) il-mera tal-Atlantiku (*Hoplostethus atlanticus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3 sa 4 u 6 sa 10 tal-ICES;

(k) il-klieb il-baħar tal-fond elenkati fl-Anness I, il-Parti D, fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 sa 10 tal-ICES; u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 34.1.1, 34.1.2 u 34.2 tas-CECAF.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

TITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 56*

**Emenda għar-Regolament (UE) 2022/109**

Fl-Anness IB għar-Regolament (UE) 2022/109, it-tabella tal-opportunitajiet tas-sajd għall-kapelin (*Mallotus villosus*) fl-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14 hija sostitwita b'dan li ġej:

| "Speċi: | Kapelin<br>*Mallotus villosus* | | Żona: | L-ilmijiet ta' Greenland taż-żoni 5 u 14<br>(CAP/514GRN) |
|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 0 | | TAC analitika<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Il-Ġermanja | 0 | | | |
| L-Iżvezja | 0 | | | |
| L-Istati Membri kollha | 0 | (1) | | |
| L-Unjoni | 0 | (2) | | |
| In-Norveġja | 7 760 | (2) | | |

| TAC | Mhux rilevanti |
|---|---|
| (1) | Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Iżvezja jista' jkollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri kollha" biss ladarba jkunu eżawrew il-kwota tagħhom stess. Madankollu, l-Istati Membri li jkollhom iktar minn 10 % mill-kwota tal-Unjoni ma għandu jkollhom aċċess għall-kwota ta' "L-Istati Membri kollha" bl-ebda mod. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrappurtati separatament (CAP/514GRN_AMS). |
| (2) | Għal perjodu tas-sajd mill-15 ta' Ottubru 2022 sal-15 ta' April 2023.". |

*Artikolu 57*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 58*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-Artikoli 11 sa 13, 15 sa 17, l-Artikolu 18(1), il-punti (a) sa (n), l-Artikoli 22, 25, 32, 33, 38 sa 40, 45, 46, 48 u l-Artikolu 55(1), il-punti (a) sa (i), għandhom ikomplu japplikaw, mutatis mutandis, fl-2024 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024.

2. L-Artikolu 18(1), il-punti (o) u (p), u l-Artikolu 55(1), il-punti (j) u (k), għandhom ikomplu japplikaw, mutatis mutandis, fl-2025 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025.

*Artikolu 59*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023. Madankollu:

(a) L-Artikolu 6(4), l-Artikolu 18(1), il-punti (o) u (p), u l-Artikolu 55(1), il-punti (j) u (k), għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024;

(b) L-Artikolu 13 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, u mill-1 ta' Marzu 2023 sal-31 ta' Marzu 2024 għall-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq fis-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES;

(c) L-Artikolu 21 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Jannar 2024;

(d) L-Artikoli 27, 28 u 29, u l-Anness VII għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Novembru 2023;

(e) L-Artikolu 26(2) għandu japplika mis-17 ta' Diċembru 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(f) L-Artikolu 35(1), il-punt (a), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 sad-19 ta' Jannar 2024;

(g) L-Artikolu 56 għandu japplika mill-15 ta' Ottubru sal-15 ta' April 2023;

(h) L-Anness I għandu japplika wkoll għas-sena 2024, meta speċifikat f'dak l-Anness;

(i) L-Anness IK għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2022 sat-30 ta' Novembru 2023, meta speċifikat f'dak l-Anness;

(j) L-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Frar 2023 sal-31 ta' Jannar 2024;

(k) Id-daqs massimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-mazzola griża (DGS/03 A-C, DGS/2AC4-C u DGS/15X14) ma għandux jibqa' japplika fid-data li fiha jsir applikabbli att delegat li jintroduċi miżuri korrispondenti u li jirregola t-trattament tal-qabdiet ta' dawk l-istokkijiet ta' aktar minn 100 cm.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. KULLGREN

## LISTA TAL-ANNESSI

| | |
|---|---|
| ANNESS I: | TACs applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni li għalihom jeżistu TACs skont l-ispeċi u ż-żona |
| ANNESS IA: | Skagerrak, Kattegat, is-subżoni 1 sa 10, 12 u 14 tal-ICES, l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tas-CECAF, l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża |
| ANNESS IB: | L-Atlantiku tal-Grigal u Greenland, is-subżoni 1, 2, 5, 12 u 14 tal-ICES u l-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fin-NAFO 1 |
| ANNESS IC: | L-Atlantiku tal-Majjistral – iż-żona tal-Konvenzjoni NAFO |
| ANNESS ID: | Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT |
| ANNESS IE: | Ix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku – iż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO |
| ANNESS IF: | Tonna tan-Nofsinhar – iż-żoni tad-distribuzzjoni |
| ANNESS IG: | Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC |
| ANNESS IH: | Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO |
| ANNESS IJ: | Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC |
| ANNESS IK: | Żona tal-Ftehim SIOFA |
| ANNESS IL: | Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC |
| ANNESS II: | Sforz tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent fid-diviżjoni 7e tal-ICES |
| ANNESS III: | Żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES |
| ANNESS IV: | Għeluq staġjonali għall-protezzjoni ta' bakkaljaw li jkun qed ibid |

| | |
|---|---|
| ANNESS V: | Awtorizzazzjonijiet tas-sajd |
| ANNESS VI: | Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT |
| ANNESS VII: | Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR |
| ANNESS VIII: | Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC |
| ANNESS IX: | Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC |
| ANNESS X: | Żona tal-Ftehim SIOFA |

*ANNESS I*

## TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI LI GĦALIHOM JEŻISTU TACs SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA

It-tabelli fl-Annessi jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn hu speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u, skont kif ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fl-Annessi għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikolari fl-Artikoli 33 u 34 tiegħu.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd fl-Annessi huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għal kull żona, l-istokkijiet tal-ħut jingħataw fl-ordni alfabetika tal-ismijiet xjentifiċi tal-ispeċijiet. Għall-finijiet regolatorji l-ismijiet xjentifiċi biss jidentifikaw l-ispeċijiet.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, hawn isfel tinsab it-tabella komparattiva bl-ismijiet xjentifiċi u bl-ismijiet komuni tal-ispeċijiet elenkati fl-annessi ta' dan ir-Regolament għall-faċilità ta' referenza. L-Annessi IA sa IL huma parti mill-Anness I.

Tabella komparattiva bl-ismijiet xjentifiċi u bl-ismijiet komuni
tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Ammodytes* spp. | SAN | Ċiċċirell |
| *Aphanopus carbo* | BSF | Ċinturin iswed |
| *Argentina silus* | ARU | Arġentina silus |
| *Beryx* spp. | ALF | Fonsa ħamra |
| *Brosme brosme* | USK | Brożmju |
| *Caproidae* | BOR | Minfaħ |
| *Chaceon* spp. | GER | Granċijiet Chaceon |
| *Chionoecetes* spp. | PCR | Snow crab |
| *Clupea harengus* | HER | Arringa |
| *Coryphaenoides rupestris* | RNG | Grenadier imnieħru tond |
| *Dissostichus eleginoides* | TOP | Pixxisinna Patagonjan |
| *Dissostichus mawsoni* | TOA | Pixxisinna tal-Antartiku |
| *Dissostichus* spp. | TOT | Pixxisinna |
| *Engraulis encrasicolus* | ANE | Inċova |
| *Euphausia superba* | KRI | Krill |
| *Gadus morhua* | COD | Bakkaljaw |
| *Glyptocephalus cynoglossus* | WIT | Barbun ilsien il-kelb |
| *Hippoglossoides platessoides* | PLA | Barbun tat-tbajja' Amerikan |
| *Hoplostethus atlanticus* | ORY | Raja tan-Norveġja |
| *Illex illecebrosus* | SQI | Klamar tal-pinen qosra |
| *Lepidorhombus* spp. | LEZ | Megrims |

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Leucoraja fullonica* | RJF | Raja petruża |
| *Leucoraja naevus* | RJN | Raja kukù |
| *Limanda ferruginea* | YEL | Barbun denbu isfar |
| *Lophiidae* | ANF | Petriċa |
| *Macrourus* spp. | GRV | Grenadieri |
| *Macrourus berglax* | RHG | Grenadier rasu raffa |
| *Makaira nigricans* | BUM | Marlin blu |
| *Mallotus villosus* | CAP | Kapelin |
| *Melanogrammus aeglefinus* | HAD | Merluzz tal-linja sewda |
| *Merlangius merlangus* | WHG | Merlangu |
| *Merluccius merluccius* | HKE | Merluzz |
| *Micromesistius poutassou* | WHB | Stokkafixx |
| *Microstomus kitt* | LEM | Lingwata ħalqha żgħir |
| *Molva dypterygia* | BLI | Linarda |
| *Molva molva* | LIN | Lipp |
| *Nephrops norvegicus* | NEP | Skampu |
| *Pagellus bogaraveo* | SBR | Paġella ħamra |
| *Pandalus borealis* | PRA | Gamblu tat-Tramuntana |
| *Penaeus* spp. | PEN | Gambli penaeus |
| *Pleuronectes platessa* | PLE | Barbun tat-tbajja' |
| *Pleuronectiformes* | FLX | Pixxiċatt |
| *Pollachius pollachius* | POL | Pollakkju |

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Pollachius virens* | POK | Pollakkju iswed |
| *Pseudopentaceros* spp. | EDW | Ras korazza pelaġika |
| *Raja brachyura* | RJH | Raja batra |
| *Raja circularis* | RJI | Raja rotonda |
| *Raja clavata* | RJC | Raja tal-fosos |
| *Raja microocellata* | RJE | Raja għewejna |
| *Raja montagui* | RJM | Raja tal-għajn |
| *Raja undulata* | RJU | Raja ondjata |
| *Rajiformes* | SRX | Rebekkini u raj |
| *Reinhardtius hippoglossoides* | GHL | Ħalibatt ta' Greenland |
| *Rostroraja alba* | RJA | Ħamiema |
| *Scomber scombrus* | MAC | Kavall |
| *Scophthalmus maximus* | TUR | Barbun imperjali |
| *Scophthalmus rhombus* | BLL | Barbun lixx |
| *Sebastes* spp. | RED | Redfish |
| *Solea solea* | SOL | Lingwata komuni |
| *Solea* spp. | SOO | Lingwata |
| *Sprattus sprattus* | SPR | Laċċ ikħal |
| *Squalus acanthias* | DGS | Mazzola griża |

| Isem xjentifiku | Kodiċi alfa-3 | Isem komuni |
|---|---|---|
| *Tetrapturus albidus* | WHM | Marlin abjad |
| *Thunnus alalunga* | ALB | Alonga |
| *Thunnus maccoyii* | SBF | Tonn tan-Nofsinhar |
| *Thunnus obesus* | BET | Tonn obeż |
| *Thunnus thynnus* | BFT | Tonn |
| *Trachurus murphyi* | CJM | Sawrella kaħla |
| *Trachurus* spp. | JAX | Sawrell |
| *Trisopterus esmarkii* | NOP | Merluzz tan-Norveġja |
| *Urophycis tenuis* | HKW | Merluzz abjad |
| *Xiphias gladius* | SWO | Pixxispad |

*ANNESS IA*

SKAGERRAK, KATTEGAT, IS-SUBŻONI 1 SA 10, 12 U 14 TAL-ICES,

L-ILMIJIET TAL-UNJONI TAŻ-ŻONI TAS-CECAF, L-ILMIJIET TAL-GUYANA FRANĊIŻA

## PARTI A

## Stokkijiet awtonomi tal-Unjoni

| Speċi: | Inċova<br>*Engraulis encrasicolus* | | Żona: | 8<br>(ANE/08.) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 18 900 | (1) | TAC analitika | |
| Franza | 2 100 | (1) | | |
| L-Unjoni | 21 000 | (1) | | |
| TAC | 21 000 | (1) | | |
| (1) | Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Ġunju 2023. | | | |

| Speċi: | Inċova<br>*Engraulis encrasicolus* | | Żona: | 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(ANE/9/3411) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 0 | (1) | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Portugall | 0 | (1) | | |
| L-Unjoni | 0 | (1) | | |
| TAC | 0 | (1) | | |
| (1) | Din il-kwota tista' tinqabad biss mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024. | | | |

| Speċi: | Bakkaljaw<br>*Gadus morhua* | | | Żona: | Kattegat<br>(COD/03AS.) |
|---|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | | 60 | (1)(2) | TAC prekawzjonarja<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Il-Ġermanja | | 1 | (1)(2) | | |
| L-Iżvezja | | 36 | (1)(2) | | |
| L-Unjoni | | 97 | (1)(2) | | |
| TAC | | 97 | (1)(2) | | |

(1) Għall-qabdiet aċċessorji biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

(2) Minbarra dawn il-kwoti, Stat Membru jista' jagħti allokazzjoni addizzjonali fi ħdan limitu ġenerali ta' 30 % tal-kwota allokata lilu lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu u li jkunu qed jipparteċipaw fi provi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod. Kull bastiment tas-sajd li jipparteċipa fi provi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod ma għandux jieħu aktar minn 300 kg. Il-qabdiet minn din l-allokazzjoni addizzjonali għandhom jiġu rrapportati b'mod separat (COD/03AS_REM). Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-istabbiltà relattiva.

| Speċi: | Megrims<br>*Lepidorhombus* spp. | | Żona: | 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(LEZ/8C3411) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | | 2 880 | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Franza | | 144 | | |
| Il-Portugall | | 96 | | |
| L-Unjoni | | 3 120 | | |
| TAC | | 3 250 | | |

| Speċi: | Petriċa<br>*Lophiidae* | Żona: | 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(ANF/8C3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 3 464 | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Franza | 3 | | |
| Il-Portugall | 689 | | |
| L-Unjoni | 4 156 | | |
| TAC | 4 335 | | |

| Speċi: | Merlangu<br>*Merlangius merlangus* | Żona: | 8<br>(WHG/08.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 910 | TAC prekawzjonarja | |
| Franza | 1 366 | | |
| L-Unjoni | 2 276 | | |
| TAC | 2 276 | | |

| Speċi: | Merluzz<br>*Merluccius merluccius* | Żona: | 8c, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(HKE/8C3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 9 953 | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Franza | 956 | | |
| Il-Portugall | 4 645 | | |
| L-Unjoni | 15 554 | | |
| TAC | 15 925 | | |

| Speċi: | Skampu<br>*Nephrops norvegicus* | Żona: | 3a<br>(NEP/03A.) |
|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 6 248 | TAC analitika | |
| Il-Ġermanja | 18 | | |
| L-Iżvezja | 2 235 | | |
| L-Unjoni | 8 501 | | |
| TAC | 8 501 | | |

| Speċi: | Skampu<br>*Nephrops norvegicus* | Żona: | 8a, 8b, 8d u 8e<br>(NEP/8ABDE.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 278 | TAC analitika | |
| Franza | 4 353 | | |
| L-Unjoni | 4 631 | | |
| TAC | 4 631 | | |

| Speċi: | Skampu<br>*Nephrops norvegicus* | Żona: | 8c, unità funzjonali 25<br>(NEP/8CU25) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 0 | TAC analitika<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96<br>Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 | |
| Franza | 0 | | |
| L-Unjoni | 0 | | |
| TAC | 0 | | |

| Speċi: | Skampu<br>*Nephrops norvegicus* | Żona: | 8c, unità funzjonali 31<br>(NEP/8CU31) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 12 | TAC analitika | |
| Franza | 0 | | |
| L-Unjoni | 12 | | |
| TAC | 17 | | |

| Speċi: | Skampu<br>*Nephrops norvegicus* | | Żona: | 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(NEP/9/3411) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 75 | (1) | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Portugall | 223 | (1) | | |
| L-Unjoni | 298 | (1)(2) | | |
| TAC | 298 | (1)(2) | | |

(1) Ma għandux jinqabad fl-unitajiet funzjonali 26 u 27 tad-diviżjoni 9a.

(2) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, fl-unità funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a (NEP/*9U30) ma tistax tinqabad ammont akbar mill-ammont minn dak li ġej: 32.

| Speċi: | Gambli penaeus<br>*Penaeus* spp. | | Żona: | l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża<br>(PEN/FGU.) |
|---|---|---|---|---|
| Franza | Għad trid tiġi stabbilita | (1) | TAC prekawzjonarja<br>Japplika l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament | |
| L-Unjoni | Għad trid tiġi stabbilita | (1)(2) | | |
| TAC | Għad trid tiġi stabbilita | (1)(2) | | |

(1) Is-sajd għall-gambli tat-tip *Penaeus subtilis* u *Penaeus brasiliensis* huwa pprojbit f'ilmijiet li huma fondi inqas minn 30 metru.

(2) L-istess kwantità bħall-kwota ta' Franza.

| Speċi: | Barbun tat-tbajja'<br>*Pleuronectes platessa* | | Żona: | Kattegat<br>(PLE/03AS.) |
|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 942 | | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Il-Ġermanja | 11 | | | |
| L-Iżvezja | 106 | | | |
| L-Unjoni | 1 059 | | | |
| TAC | 1 981 | | | |

| Speċi: | Barbun tat-tbajja'<br>*Pleuronectes platessa* | Żona: | 7b u 7c<br>(PLE/7BC.) |
|---|---|---|---|
| Franza | 2 | TAC prekawzjonarja | |
| L-Irlanda | 17 | | |
| L-Unjoni | 19 | | |
| TAC | 19 | | |

| Speċi: | Barbun tat-tbajja'<br>*Pleuronectes platessa* | Żona: | 8, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(PLE/8/3411) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 26 | TAC prekawzjonarja | |
| Franza | 103 | | |
| Il-Portugall | 26 | | |
| L-Unjoni | 155 | | |
| TAC | 155 | | |

| Speċi: | Pollakkju<br>*Pollachius pollachius* | Żona: | 8a, 8b, 8d u 8e<br>(POL/8ABDE.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 252 | TAC prekawzjonarja | |
| Franza | 1 230 | | |
| L-Unjoni | 1 482 | | |
| TAC | 1 482 | | |

| Speċi: | Pollakkju<br>*Pollachius pollachius* | Żona: | 8c<br>(POL/08C.) |
|---|---|---|---|
| Spanja | 149 | TAC prekawzjonarja | |
| Franza | 17 | | |
| L-Unjoni | 166 | | |
| TAC | 166 | | |

| Speċi: | Pollakkju<br>*Pollachius pollachius* | | Żona: | 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1<br>(POL/9/3411) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 196 | (1) | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Portugall | 7 | (1)(2) | | |
| L-Unjoni | 203 | (1) | | |
| TAC | 203 | (2) | | |

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 5 % minn din il-kwota jista' jinqabad fiż-żona 8c (POL/*08C.).

(2) Minbarra din it-TAC, il-Portugall jista' jaqbad kwantitajiet tal-pollakkju li ma jaqbżux it-98 tunnellata (POL/93411P).

| Speċi: | Lingwata komuni<br>*Solea solea* | | Żona: | 3a; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subdiviżjonijiet 22-24<br>(SOL/3ABC24) |
|---|---|---|---|---|
| Id-Danimarka | 418 | | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Il-Ġermanja | 24 | (1) | | |
| In-Netherlands | 40 | (1) | | |
| L-Iżvezja | 16 | | | |
| L-Unjoni | 498 | | | |
| TAC | 504 | | | |

(1) Din il-kwota tista' tinqabad biss fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a u tas-subdiviżjonijiet 22-24.

| Speċi: | Lingwata komuni<br>*Solea solea* | Żona: | 7b u 7c<br>(SOL/7BC.) |
|---|---|---|---|
| Franza | 2 | TAC prekawzjonarja | |
| L-Irlanda | 17 | | |
| L-Unjoni | 19 | | |
| TAC | 19 | | |

| Speċi: | Lingwata komuni *Solea solea* | | Żona: | 8a u 8b (SOL/8AB.) |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 33 | | TAC analitika | |
| Spanja | 6 | | | |
| Franza | 2 406 | | | |
| In-Netherlands | 180 | | | |
| L-Unjoni | 2 625 | | | |
| TAC | 2 685 | | | |

| Speċi: | Lingwata *Solea* spp. | | Żona: | 8c, 8d, 8e, 9 u 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1 (SOO/8CDE34) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 245 | | TAC prekawzjonarja | |
| Il-Portugall | 407 | | | |
| L-Unjoni | 652 | (1) | | |
| TAC | 652 | (1) | | |

(1) Fil-limiti ta' dawn il-kwoti, ma għandhiex tinqabad iktar mill-kwantità li ġejja tal-lingwata komuni (*Solea solea*) (SOL/8CDE34): 320.

| Speċi: | Sawrell *Trachurus* spp. | | Żona: | 9 (JAX/09.) |
|---|---|---|---|---|
| Spanja | 40 879 | (1) | TAC analitika<br>Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament | |
| Il-Portugall | 117 126 | (1) | | |
| L-Unjoni | 158 005 | | | |
| TAC | 165 173 | | | |

(1) Kundizzjoni speċjali: sa 0 % minn din il-kwota jista' jinqabad fiż-żona 8c (JAX/*08C.).

| Speċi: | Sawrell<br>*Trachurus* spp. | | Żona: | 10; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF[(1)]<br>(JAX/X34PRT) |
Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_3

64° 30' S 01° 00' E

66° 00' S 01° 00' E

66° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 07° 00' E

64° 30' S 07° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_4

68° 20' S 10° 00' E

68° 20' S 13° 00' E

69° 30' S 13° 00' E

69° 30' S 10° 00' E

69° 45' S 10° 00' E

69° 45' S 06° 00' E

69° 00' S 06° 00' E

69° 00' S 10° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_5

71° 00' S 15° 00' W

71° 00' S 13° 00' W

70° 30' S 13° 00' W

70° 30' S 11° 00' W

70° 30' S 10° 00' W

69° 30' S 10° 00' W

69° 30' S 09° 00' W

70° 00' S 09° 00' W

70° 00' S 08° 00' W

69° 30' S 08° 00' W

69° 30' S 07° 00' W

70° 30' S 07° 00' W

70° 30' S 10° 00' W

71° 00' S 10° 00' W

71° 00' S 11° 00' W

71° 30' S 11° 00' W

71° 30' S 15° 00' W

Koordinati tal-blokok ta' riċerka 88.2

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_1

73° 48' S 108° 00' W

73° 48' S 105° 00' W

75° 00' S 105° 00' W

75° 00' S 108° 00' W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_2

73° 18' S 119° 00' W

73° 18' S 111° 30' W

74° 12' S 111° 30' W

74° 12' S 119° 00' W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_3

72° 12' S 122° 00' W

70° 50' S 115° 00' W

71° 42' S 115° 00' W

73° 12' S 122° 00' W

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 88.2_4

72° 36' S 140° 00' W

72° 36' S 128° 00' W

74° 42' S 128° 00' W

74° 42' S 140° 00' W

Lista tal-unitajiet ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRUs)

| Reġjun | SSRU | Linja tal-konfini |
|---|---|---|
| 88.1 | A | Minn 60° S 150° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 65° S, lejn il-Punent sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |
| | B | Minn 60° S 170° E, lejn il-Lvant sa 179° E, lejn in-Nofsinhar sa 66°40' S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |
| | C | Minn 60° S 179° E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° W, lejn it-Tramuntana sa 66°40' S, lejn il-Punent sa 179° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |
| | D | Minn 65° S 150° E, lejn il-Lvant sa 160° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S. |
| | E | Minn 65° S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 68° 30' S, lejn il-Punent sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S. |
| | F | Minn 68° 30' S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 68° 30' S. |
| | G | Minn 66° 40' S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 70° 50' S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 66°40' S. |
| | H | Minn 70° 50'S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | I | Minn 70° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 70° S. |
| | J | Minn 73° S mal-kosta qrib 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50' E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S. |
| | K | Minn 73° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 76° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 73° S. |
| | L | Minn 76° S 178° 50' E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 178° 50' E, lejn it-Tramuntana sa 76° S. |
| | M | Minn 73° S mal-kosta qrib 169° 30'E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S. |

| Reġjun | SSRU | Linja tal-konfini |
|---|---|---|
| 88.2 | A | Minn 60° S 170° W, lejn il-Lvant sa 160° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 170° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |
| | B | Minn 60° S 160° W, lejn il-Lvant sa 150° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |
| | C | Minn 70° 50' S 160° W, lejn il-Lvant sa 140° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | D | Minn 70° 50' S 140° W, lejn il-Lvant sa 130° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 140° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | E | Minn 70° 50' S 130° W, lejn il-Lvant sa 120° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 130° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | F | Minn 70° 50' S 120° W, lejn il-Lvant sa 110° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 120° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | G | Minn 70° 50' S 110° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 110° W, lejn it-Tramuntana sa 70° 50' S. |
| | H | Minn 65° S 150° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° 50' S, lejn il-Punent sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 65° S. |
| | I | Minn 60° S 150° W, lejn il-Lvant sa 105° W, lejn in-Nofsinhar sa 65° S, lejn il-Punent sa 150° W, lejn it-Tramuntana sa 60° S. |

Parti B

Notifika tal-intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'attività tas-sajd għall-krill (*Euphausia Superba*)

Informazzjoni ġenerali

Membru:...........................................................................................................................

Staġun tas-sajd: ...............................................................................................................

Isem il-bastiment:.............................................................................................................

Livell mistenni ta' qbid (tunnellati):..................................................................................

Kapaċità tal-ipproċessar ta' kuljum tal-bastiment: (tunnellati ta' piż ħaj):..........................................

Subżoni u diviżjonijiet maħsuba għas-sajd

Din il-miżura ta' konservazzjoni tapplika għan-notifiki tal-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill fis-subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 u fid-diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2. L-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill f'subżoni u f'diviżjonijiet oħra jridu jiġu nnotifikati skont il-Miżura ta' Konservazzjoni 21-02 (2019) tas-CCAMLR.

| Subżona/diviżjoni | Immarka l-kaxxi xierqa |
|---|---|
| 48.1 | ◻ |
| 48.2 | ◻ |
| 48.3 | ◻ |
| 48.4 | ◻ |
| 58.4.1 | ◻ |
| 58.4.2 | ◻ |

Teknika tas-sajd: Immarka l-kaxxi xierqa

◻ Tkarkir konvenzjonali

◻ Sistema ta' sajd kontinwu

◻ Ippompjar biex titbattal il-manka

◻ Metodu ieħor (speċifika)

Tipi ta' prodotti u metodi għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud

| Tip ta' prodott | Metodu għall-istima diretta tal-piż ħaj tal-krill maqbud, fejn rilevanti (irreferi għall-Anness 21-03/B)(1) |
|---|---|
| Iffriżat sħiħ | |
| Mgħolli | |
| Ħut mitħun | |
| Żejt | |
| Prodotti oħra (speċifika) | |
| (1) Jekk il-metodu mhuwiex imniżżel fl-Anness 21-03/B, iddeskrivi fid-dettall. | |

Konfigurazzjoni tax-xibka

| Qisien tax-xibka | Xibka 1 | Xibka 2 | Xibka/Xbieki oħra | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Fetħa tax-xibka (bokka) | | | | | | |
| Fetħa vertikali massima (m) | | | | | | |
| Fetħa orizzontali massima (m) | | | | | | |
| Ċirkonferenza netta tax-xibka fil-bokka[(1)] (m) | | | | | | |
| Erja tal-bokka ($m^2$) | | | | | | |
| Daqs medju tal-malji tal-panew tax-xibka[(3)] (mm) | Ta' barra[(2)] | Ta' ġewwa[(2)] | Ta' barra[(2)] | Ta' ġewwa[(2)] | Ta' barra[(2)] | Ta' ġewwa[(2)] |
| L-ewwel panew | | | | | | |
| It-tieni panew | | | | | | |
| It-tielet panew | | | | | | |
| … | | | | | | |
| Il-panew finali (manka) | | | | | | |

(1) Mistennija fil-kondizzjonijiet operazzjonali.

(2) Daqs tal-malji ta' barra, u tal-malji ta' ġewwa meta tintuża inforra.

(3) Qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR.

Dijagramma(i) tax-xibka/xbieki:

Għal kull xibka li tintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tax-xibka, irreferi għad-dijagramma rilevanti tax-xibka fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni tal-Ekosistemi (WG-EMM). Id-dijagramma jew dijagrammi tax-xbieki jridu jinkludu:

1. It-tul u l-wisa' ta' kull panew tax-xibka tat-tkarkir (f'biżżejjed dettall biex jippermetti l-kalkolu tal-angolu ta' kull panew fir-rigward tal-fluss tal-ilma).

2. Id-daqs tal-malji tax-xibka (il-qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01 (2019) tas-CCAMLR, l-għamla (eż. maqrut) u l-materjal (eż. polipropilen).

3. In-nisġa tal-malji tax-xbieki (eż. bl-għoqiedi, fużi).

4. Dettalji tal-infafar użati fix-xbieki tat-tkarkir (disinn, post fuq il-pannelli, indika "xejn" jekk ma jintużawx infafar); l-infafar inaffru lill-krill milli jagħmel ħsara lill-malji jew milli jaħrab.

Apparat ta' esklużjoni tal-mammiferi tal-baħar

Dijagramma(i) tal-apparat:...........................................................................................................

Għal kull tip ta' apparat li jintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tal-apparat, irreferi għad-dijagramma rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM.

Il-ġbir tad-data akustika

Agħti l-informazzjoni dwar l-ekosondi u s-sonars li jintużaw mill-bastiment

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tip (eż. ekosondi, sonar) | | | |
| Manifattur | | | |
| Mudell | | | |
| Frekwenzi tat-trasduttur (kHz) | | | |

Il-ġbir tad-data akustika (deskrizzjoni ddettaljata): ..................................................................................

Iddeskrivi l-passi li se jittieħdu biex tinġabar id-data akustika sabiex tingħata informazzjoni dwar id-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-krill (*Euphausia superba*) u ta' speċijiet pelaġiċi oħra bħall-ħut tal-familja Myctophidae u s-salps (SC-CAMLR-XXX, paragrafu 2.10).

LINJI GWIDA GĦALL-ISTIMA

TAL-PIŻ ĦAJ TAL-KRILL MAQBUD

| Metodu | Ekwazzjoni (kg) | Parametru | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Deskrizzjoni | Tip | Metodu ta' stima | Unità |
| Volum tat-tank tal-ħażna | W*L*H*ρ*1 000 | W = il-wisa' tat-tank | Kostanti | Kejl fil-bidu tas-sajd | m |
| | | L = it-tul tat-tank | Kostanti | Kejl fil-bidu tas-sajd | m |
| | | ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa | Varjabbli | Konverżjoni volum għal massa | kg/litru |
| | | H = il-fond tal-krill fit-tank | Speċifiku għar-refgħa | Osservazzjoni diretta | m |
| Flussimetru [1] | $V*F_{krill}*ρ$ | V = il-volum tal-krill u tal-ilma flimkien | Speċifiku għar-refgħa [1] | Osservazzjoni diretta | litru |
| | | $F_{krill}$ = il-frazzjoni tal-krill fil-kampjun | Speċifiku għar-refgħa [1] | Korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru | - |
| | | ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa | Varjabbli | Konverżjoni volum għal massa | kg/litru |

| Metodu | Ekwazzjoni (kg) | Parametru | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Deskrizzjoni | Tip | Metodu ta' stima | Unità |
| Flussimetru [2] | (V*ρ)–M | V = il-volum tal-pejst tal-krill | Speċifiku għar-refgħa [1] | Osservazzjoni diretta | litru |
| | | M = l-ammont ta' ilma miżjud fil-proċess, ikkonvertit għal massa | Speċifiku għar-refgħa [1] | Osservazzjoni diretta | kg |
| | | ρ = id-densità tal-pejst tal-krill | Varjabbli | Osservazzjoni diretta | kg/litru |
| Skala tal-flussi | M*(1–F) | M = il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien | Speċifiku għar-refgħa [2] | Osservazzjoni diretta | kg |
| | | F = il-frazzjoni tal-ilma fil-kampjun | Varjabbli | Korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi | - |
| Tilar | $(M–M_{tray})*N$ | $M_{tray}$ = il-massa tat-tilar vojt | Kostanti | Osservazzjoni diretta qabel is-sajd | kg |
| | | M = il-massa medja tal-krill u tat-tilar flimkien | Varjabbli | Osservazzjoni diretta, qabel l-iffriżar, bl-ilma mneħħi | kg |
| | | N = l-għadd ta' tilari | Speċifiku għar-refgħa | Osservazzjoni diretta | - |

| Metodu | Ekwazzjoni (kg) | Parametru | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Deskrizzjoni | Tip | Metodu ta' stima | Unità |
| Konverżjoni għal ħut mitħun | $M_{meal}$*MCF | $M_{meal}$= il-massa ta' ħut mitħun prodott | Speċifiku għar-refgħa | Osservazzjoni diretta | kg |
| | | MCF = il-fattur ta' konverżjoni għall-ħut mitħun | Varjabbli | Konverżjoni ta' ħut mitħun għal krill sħiħ | - |
| Volum tal-manka | W*H*L*ρ*π/4*1 000 | W = il-wisa' tal-manka | Kostanti | Kejl fil-bidu tas-sajd | m |
| | | H = l-għoli tal-manka | Kostanti | Kejl fil-bidu tas-sajd | m |
| | | ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa | Varjabbli | Konverżjoni volum għal massa | kg/litru |
| | | L = it-tul tal-manka | Speċifiku għar-refgħa | Osservazzjoni diretta | m |
| Oħrajn | Speċifika | | | | |

(1) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perjodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

(2) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perjodu ta' sagħtejn meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

Passi u frekwenza tal-osservazzjonijiet

| | |
|---|---|
| Volum tat-tank tal-ħażna | |
| Fil-bidu tas-sajd | Kejjel il-wisa' u t-tul tat-tank tal-ħażna (jekk it-tank mhuwiex ta' għamla rettangolari, jista' jkun meħtieġ kejl addizzjonali; preċiżjoni ±0,05 m) |
| Kull xahar[1] | Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mit-tank tal-ħażna |
| Kull refgħa | Kejjel il-fond tal-krill fit-tank (jekk il-krill jinżamm fit-tank bejn ir-refgħat, kejjel id-differenza fil-fond; preċiżjoni ±0,1 m)<br>Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |
| Flussimetru[1] | |
| Qabel is-sajd | Kun ċert li l-flussimetru qiegħed ikejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar) |
| Aktar minn darba fix-xahar[1] | Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa (ρ) derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-flussimetru |
| Kull refgħa[2] | Ikseb kampjun mill-flussimetru u:<br>– kejjel il-volum (eż. 10 litri) tal-krill u tal-ilma flimkien,<br>– agħmel stima tal-korrezzjoni tal-volum tal-flussimetru derivata mill-volum tal-krill mingħajr l-ilma<br>Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |

Flussimetru[2]

| | |
|---|---|
| Qabel is-sajd | Kun ċert li ż-żewġ flussimetri (wieħed għall-prodott tal-krill u wieħed għall-ilma miżjud) ikunu kkalibrati (jiġifieri, juru l-istess kejl korrett) |
| Kull ġimgħa[1] | Agħmel stima tad-densità (ρ) tal-prodott tal-krill (il-pejst tal-krill mitħun) billi tkejjel il-massa ta' volum magħruf tal-prodott tal-krill (eż. 10 litri) meħuda mill-flussimetru korrispondenti |
| Kull refgħa[2] | Ara l-kejl taż-żewġ flussimetri, u kkalkula l-volumi totali tal-prodott tal-krill (il-pejst tal-krill mitħun) u tal-ilma miżjud; id-densità tal-ilma hija meqjusa li hija ta' 1 kg/litru<br>Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |

Skala tal-flussi

| | |
|---|---|
| Qabel is-sajd | Kun ċert li l-iskala tal-flussi qiegħda tkejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar) |
| Kull refgħa[2] | Ikseb kampjun wieħed mill-iskala tal-flussi u:<br>– kejjel il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien,<br>– agħmel stima tal-korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma<br>Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| Tilar | |
| Qabel is-sajd | Kejjel il-massa tat-tilar (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, kejjel il-massa ta' kull tip; preċiżjoni ±0,1 kg) |
| Kull refgħa | Kejjel il-massa tal-krill u tat-tilar flimkien (preċiżjoni ±0,1 kg) |
| | Għodd in-numru ta' tilari użati (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, għodd in-numru ta' tilari ta' kull tip) |
| | Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |
| Konverżjoni għal ħut mitħun | |
| Kull xahar[1] | Agħmel stima tal-konverżjoni ta' ħut mitħun għal krill sħiħ billi tipproċessa bejn 1 000 u 5 000 kg (il-massa mingħajr l-ilma) ta' krill sħiħ |
| Kull refgħa | Kejjel il-massa tal-ħut mitħun li ġie prodott |
| | Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |
| Volum tal-manka | |
| Fil-bidu tas-sajd | Kejjel il-wisa' u l-għoli tal-manka (preċiżjoni ±0,1 m) |
| Kull xahar[1] | Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-manka |
| Kull refgħa | Kejjel it-tul tal-manka li jkun fiha l-krill (preċiżjoni ±0,1 m) |
| | Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni) |

(1) Jibda perjodu ġdid ladarba l-bastiment imur lejn subżona jew diviżjoni ġdida.

(2) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perjodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

*ANNESS VIII*

## ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

| Stat Membru | Għadd massimu ta' bastimenti | Kapaċità (tunnellaġġ gross) |
|---|---|---|
| Spanja | 22 | 61 364 |
| Franza | 27 | 45 383 |
| Il-Portugall | 5 | 1 627 |
| L-Italja | 1 | 2 137 |
| L-Unjoni | 55 | 110 511 |

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

| Stat Membru | Għadd massimu ta' bastimenti | Kapaċità (tunnellaġġ gross) |
|---|---|---|
| Spanja | 27 | 11 590 |
| Franza | 41[(1)] | 7 882 |
| Il-Portugall | 15 | 6 925 |
| L-Unjoni | 83 | 26 397 |

(1) Dan l-għadd ma jinkludix bastimenti tas-sajd reġistrati f'Mayotte; jista' jiżdied fil-ġejjieni f'konformità mal-pjan ta' żvilupp tal-flotta ta' Mayotte.

3. Il-bastimenti tas-sajd msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għall-pixxispad u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

4. Il-bastimenti tas-sajd msemmija fil-punt 2 għandhom ikunu awtorizzati wkoll jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

*ANNESS IX*

## ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

1. Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

| | |
|---|---|
| Spanja | 14 |
| L-Unjoni | 14 |

2 Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

| | |
|---|---|
| Spanja | 4 |
| L-Unjoni | 4 |

*ANNESS X*

## ŻONA TAL-FTEHIM SIOFA

L-isforz annwali tas-sajd tal-qiegħ tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA ma għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Franza | 237 jum ta' sajd |
| Spanja | 2 bastimenti |
| Stati Membri oħrajn | 0 |

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2023/195

## tat-30 ta' Jannar 2023

## dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), kif ukoll il-pariri mogħtija minn kunsilli konsultattivi għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u r-rakkomandazzjonijiet konġunti rilevanti li jsiru mill-Istati Membri.

(2) Il-Kunsill ser jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inkluż ċerti kundizzjonijiet marbuta b'mod funzjonali ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew żona tas-sajd.

(3) L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-objettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) huwa li meta possibbli, sal-2015, tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) u, b'mod progressiv u inkrementali, sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha. L-objettiv tal-perjodu tranżitorju sal-2020 kien li tiġi bbilanċjata l-kisba tal-MSY għall-istokkijiet kollha bl-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjali tal-aġġustamenti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd relatati.

(4) Għalhekk, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni tal-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjonijiet espressi matul konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(5) L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li għall-istokkijiet soġġetti għal pjanijiet pluriennali speċifiċi, l-opportunitajiet tas-sajd jeħtieġ ikunu stabbiliti f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dawk il-pjanijiet.

(6) Il-pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-punent tal-Baħar Mediterran ("il-pjan") ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u daħal fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019. Il-pjan għandu l-għan li jinkiseb u jinżamm l-MSY għall-istokkijiet fil-mira, jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirkupra l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 1).

(7) F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu ffissati b'mod li jiksbu mortalità mis-sajd fil-livell tal-MSY fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020, meta possibbli, u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu espressi bħala l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir u għall-bastimenti tas-sajd bil-konz u jenħtieġ li jiġu ffissati f'konformità mar-reġim tal-isforz tas-sajd stabbilit fl-Artikolu 7 tal-pjan, u bħala limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) u għall-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) fl-ilmijiet fondi, f'konformità mal-parir xjentifiku u mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan.

(8) L-STECF ta parir li, sabiex jintlaħqu l-miri tal-MSY għall-istokkijiet tal-ħut kollha fil-punent tal-Mediterran, huma meħtieġa aktar azzjonijiet u tnaqqis sinifikanti fil-mortalità mis-sajd għall-bastimenti tat-tkarkir. Għalhekk jenħtieġ li abbażi ta' dan il-parir, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, għall-2023 l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tat-tkarkir fil-punent tal-Baħar Mediterran jitnaqqas b'7 % meta mqabbel max-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017, li jeħtieġ jitnaqqas mill-isforz tas-sajd massimu permissibbli stabbilit għall-2022 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 ([3]).

(9) Fl-2021, l-STECF ta parir li l-bastimenti tas-sajd bil-konz jikkawżaw sa 10 % mill-mortalità mis-sajd tal-Merluzz fis-subżoni ġeografiċi (GSAs) 1-5-6-7 tal-GFCM u jikkostitwixxu sa 20 % tal-ħatt l-art tal-Merluzz fil-GSA 10, filwaqt li l-qabdiet b'dak l-irkaptu huma fil-biċċa l-kbira ħut riproduttiv. L-STECF ta parir li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-Merluzz ilu jonqos b'mod kostanti matul dawn l-aħħar snin u l-għadd ta' merluzz riproduttiv fil-GSAs 1-5-6-7 naqas b'66 %, filwaqt li naqas bi 28 % fil-GSAs 8-9-10-11 minn meta bdew il-valutazzjonijiet. Abbażi ta' dak, l-Anness III tar-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa l-isforz tas-sajd massimu permissibbli tal-bastimenti tas-sajd bil-konz, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tal-pjan, abbażi tal-isforz tas-sajd espress bħala l-għadd ta' jiem tas-sajd bejn l-1 ta' Jannar 2015 u l-31 ta' Diċembru 2017. Fl-2022, l-STECF ivvaluta li l-bijomassa ta' stokk riproduttiv tal-Merluzz fil-GSAs 1-5-6-7 u tal-Merluzz fil-GSAs 8-9-10-11 għadu taħt il-punt ta' referenza ta' limitu tal-bijomassa ($B_{LIM}$), skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (10), tal-pjan, u li jenħtieġ li l-qabdiet jitnaqqsu b'mill-inqas 57 % fil-GSAs 1-5-6-7 u b'78 % fil-GSAs 8-9-10-11 sabiex jintlaħaq l-$F_{MSY}$ fl-2023. Għalhekk huwa xieraq li, għall-2023, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz jinżamm fil-livelli stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110, f'konformità mal-Artikolu 7(5) tal-pjan. Dak l-isforz tas-sajd massimu permissibbli għall-bastimenti tas-sajd bil-konz, espress f'jiem tas-sajd, jenħtieġ li ma jippreġudikax l-isforz tas-sajd massimu permissibbli li għandu jiġi stabbilit għall-2024.

(10) Fl-2021, l-STECF ta l-parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-5-6-7 u fil-GSAs 8-9-10-11 jeħtieġ tonqos sinifikattivament biex jinkiseb l-MSY sa mhux aktar tard mill-2025. Il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv dwar is-Sajd (SAC) tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) ħareġ parir simili għall-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fis-subżona ġeografika 2. Barra minn hekk, l-STECF stima li l-bijomassa tal-gamblu blu u aħmar kienet qed tonqos. Abbażi tal-parir irċevut, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa għall-2022 il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar fil-GSAs 1-5-6-7 u l-GSAs 8-9-10-11.

(11) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2-5-6-7 għadha 'l bogħod minn livelli sostenibbli u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu b'medja ta' 53 % minħabba li dik l-ispeċi tinsab taħt il-$B_{LIM}$ fil-GSAs 1-2, filwaqt li dik l-ispeċi tinsab taħt il-punt ta' referenza prekawzjonarju tal-bijomassa ($B_{PA}$) fil-GSAs 6-7, skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (11), tal-pjan. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex jiġi kkomplementat ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2-5-6-7 jenħtieġ li jitnaqqsu b'5 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

(12) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-mortalità mis-sajd tal-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 8-9-10-11 għadha ogħla mil-livelli sostenibbli u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkiseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu bi 30 %. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex jiġi kkomplementat ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 8-9-10-11 jenħtieġ li jitnaqqsu bi 3 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

(13) Fl-2021, l-STECF ta parir li l-bijomassa tal-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 kienet qed tonqos u li l-mortalità mis-sajd ta' dak l-istokk jeħtieġ tonqos sinifikattivament biex jinkiseb l-MSY sa mhux aktar tard mill-2025. Abbażi tal-parir irċevut, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa, għall-2022, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11.

(14) Fl-2022, l-STECF ta parir li l-bijomassa tal-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 qed tonqos u l-mortalità mis-sajd għadha ogħla mil-livelli sostenibbli, u għalhekk huma meħtieġa aktar miżuri ta' ġestjoni. L-STECF ta parir li, sabiex jinkseb l-$F_{MSY}$ sal-2023, il-qabdiet jenħtieġ li jitnaqqsu b'27 % minħabba li dik l-ispeċi tinsab ogħla mill-$B_{PA}$ fil-GSAs 8-9-10-11. Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 7(3), il-punt (b), tal-pjan, huwa xieraq li jibqgħu jiġu stabbiliti limiti massimi ta' qbid biex ir-reġim tal-isforz tat-tkarkir jiġi kkomplementat b'limiti massimi ta' qbid. Fid-dawl tal-parir xjentifiku, għall-2023, il-limiti massimi ta' qbid għall-gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8-9-10-11 jenħtieġ li jitnaqqsu bi 3 % meta mqabbla mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti għall-2022 bir-Regolament (UE) 2022/110.

(15) Fl-2022, l-STECF stima li l-gamblu blu u aħmar fil-GSAs 1-2, il-merluzz fil-GSAs 1-5-6-7 u l-merluzz fil-GSAs 8-9-10-11 għandhom bijomassi ta' stokk riproduttiv taħt il-$B_{LIM}$, li jindika li jista' jkun li naqsu l-kapaċitajiet riproduttivi tagħhom. Il-kombinament tal-miżuri kollha adottati fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet jinkludi l-miżuri ta' rimedju ulterjuri meħtieġa skont l-Artikolu 6(2) tal-pjan.

(16) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd sostenibbli għall-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd u limitu massimu għall-kapaċità tal-flotta għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(17) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/1 dwar l-istabbiliment ta' reġim tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet ewlenin tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet għadd massimu ta' jiem tas-sajd permissibbli, skont it-tip ta' tkarkir u s-segment tal-flotta, għal ċerti stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(18) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2022/8 dwar l-implimentazzjoni fl-2023 ta' reġim ta' sforz tas-sajd għall-istokkijiet ewlenin tal-ħut tal-qiegħ fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li jirriżulta mir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/5, li introduċiet reġim ta' sforz tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(19) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/20 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-istokkijiet pelaġiċi żgħar fil-Baħar Adrijatiku (is-subżoni ġeografiċi 17 u 18), li introduċiet livell massimu ta' qabdiet u limitu massimu relatat għall-kapaċità tal-flotta għal bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jkollhom stokkijiet pelaġiċi żgħar fil-mira, b'deroga għall-flotot nazzjonali b'inqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u/jew bastimenti tat-tkarkir pelaġiku li jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi żgħar b'mod attiv. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(20) Filwaqt li jitqiesu l-partikularitajiet tal-flotta Slovena u l-impatt marġinali tagħha fuq l-istokkijiet pelaġiċi żgħar u l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ, jixraq li jiġu ppreżervati x-xejriet tas-sajd eżistenti u li jiġi żgurat l-aċċess mill-flotta Slovena għal kwantità minima ta' speċijiet pelaġiċi żgħar u għal allokazzjoni minima tal-isforz għall-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ.

(21) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ukoll ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/4 dwar pjan ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli tal-qroll aħmar fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27), li introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd mogħti bħala l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd, u limiti tal-ħsad għall-qroll aħmar. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(22) Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2021, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/11 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-użu ta' rkaptu ankrat biex jinġemal-ħut fis-sajd għal-lampuki fil-Baħar Mediterran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 27), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1. Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/1introduċiet l-iffriżar tal-isforz tas-sajd mogħti bħala l-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bil-lampuki fil-mira tagħhom u r-Rakkomandazzjoni GFCM/44/2021/11estendiet dawk il-miżuri sa tmiem l-2023. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(23) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/12 u GFCM/42/2018/5. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet reġim ta' sforz għall-merluzz u limiti ta' qbid għall-gamblu abjad, kif ukoll l-iffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(24) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/5 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Fliegu ta' Sqallija (is-subżoni ġeografiċi 12 sa 16), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/7 u GFCM/43/2019/6. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(25) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/6 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Jonju (is-subżoni ġeografiċi 19 sa 21), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(26) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/7 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir u tal-gamblu blu u aħmar fil-Baħar Levant (is-subżoni ġeografiċi 24 sa 27), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/8 u GFCM/42/2018/4. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet limitu tal-qbid u ffriżar tal-kapaċità tas-sajd. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(27) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/3 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-paġella ħamra fil-Baħar Alboran (is-subżoni ġeografiċi 1 sa 3), li tħassar ir-Rakkomandazzjonijiet GFCM/44/2021/4, GFCM/43/2019/2 u GFCM/41/2017/2. Dik ir-Rakkomandazzjoni introduċiet livelli massimi ta' qabdiet għall-2023, l-2024 u l-2025, għadd massimu ta' konzijiet u xlief awtorizzati u miżuri ġodda għas-sajd rikreattiv. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(28) Fit-43 laqgħa annwali tagħha fl-2019, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29). Ir-rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3 introduċiet it-TAC reġjonali aġġornata u skema ta' allokazzjoni tal-kwoti għall-barbun imperjali, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni ulterjuri, b'mod partikolari perjodu ta' għeluq ta' xahrejn għas-sajd u limitazzjoni fuq il-jiem tas-sajd ta' 180 jum fis-sena. Dawk il-miżuri ulterjuri huma marbuta mil-lat funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd, peress li mingħajr dawk il-miżuri fis-seħħ, jenħtieġ li l-livell tat-TAC għall-barbun imperjali jitnaqqas biex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(29) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/9 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29), li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/43/2019/3. Dik ir-Rakkomandazzjoni tawlet it-TAC eżistenti b'sena. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(30) Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-GFCM adottat deċiżjoni fejn osservat li matul is-sena 2021 l-Unjoni ma kinitx sfruttat biżżejjed il-kwota tagħha għall-barbun imperjali u approvat riport tal-kwota mhux użata fid-dawl tas-sitwazzjoni eċċezzjonali maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ li dik id-deċiżjoni tal-GFCM tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li d-distribuzzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd li jirriżultaw min-nuqqas ta' sfruttament titwettaq abbażi tal-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull Stat Membru lejn nuqqas ta' sfruttament, mingħajr ma jinbidel il-koeffiċjent ta' distribuzzjoni stabbilit fir-Regolament (UE) 2022/110 dwar l-allokazzjoni annwali tat-TACs.

(31) Abbażi tal-parir xjentifiku mogħti mill-Grupp ta' ħidma tal-Baħar l-Iswed tal-GFCM, il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd jenħtieġ li jinżamm biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed. Għalhekk jixraq li jitkompla l-istabbiliment ta' kwota awtonoma għal dak l-istokk.

(32) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([4]) u, b'mod partikolari, għall-Artikoli 33 u 34 ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd kif ukoll in-notifika tad-data dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kodiċijiet li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-data lill-Kummissjoni rigward ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(33) Sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2023. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni mill-iktar fis tiegħu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ mill-ewwel mal-pubblikazzjoni tiegħu.

(34) Sabiex jiġi promoss l-użu tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u biex jiġu stabbiliti żoni ta' għeluq effiċjenti biex jiġu mħarsa l-frieħ tal-ħut u l-ħut riproduttiv, ir-Regolament (UE) 2022/110 stabbilixxa mekkaniżmu ta' kumpens fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir. Abbażi tal-esperjenza mill-ewwel sena tal-applikazzjoni u sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza sħiħa tal-mekkaniżmu ta' kumpens, huwa neċessarju li jiġi ċċarat kif jenħtieġ li jiġi implimentat dak il-mekkaniżmu, inkluż b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2022, meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2022/110. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/110 jiġi emendat skont dan. Barra minn hekk, peress billi l-parir xjentifiku għadu jirrakkomanda aktar titjib tas-selettività tal-irkaptu tas-sajd u tal-effiċjenza ta' żoni tal-għeluq biex jitħarsu l-frieħ tal-ħut, dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jitkompla fl-2023. Abbażi tal-parir xjentifiku għall-2023, huwa neċessarju li 3.5 % tal-jiem tas-sajd jiġu allokati lill-bastimenti tat-tkarkir, ikkalkulati mix-xenarju bażi bejn l-2015 u l-2017.

(35) L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi tal-Unjoni,

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jiffissa għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut disponibbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Huwa jikkjarifika wkoll l-applikazzjoni, fl-2022, tal–mekkaniżmu ta' kumpens stabbilit bir-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tar-reġim tal-isforz għall-bastimenti tat-tkarkir.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed u li jisfruttaw l-istokkijiet tal-ħut li ġejjin:

(a) il-qroll aħmar (*Corallium rubrum*) u l-lampuka (*Coryphaena hippurus*) fil-Baħar Mediterran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (b);

(b) il-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*), il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*) u t-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-punent tal-Baħar Mediterran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (c);

(c) l-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u s-sardina (*Sardina pilchardus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (d);

(d) il-merluzz (*Merluccius merluccius*), l-iskampu (*Nephrops norvegicus*), il-lingwata komuni (*Solea solea*), il-gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*), it-trilja tal-ħama (*Mullus barbatus*) fil-Baħar Adrijatiku, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (d);

(e) il-gamblu aħmar kbir (*Aristaeomorpha foliacea*) u l-gamblu blu u aħmar (*Aristeus antennatus*) fil-Fliegu ta' Sqallija, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (e), fil-Baħar Jonju, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (f), u fil-Baħar Levant, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (g);

(f) il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fil-Baħar Alboran, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (h);

(g) il-laċċa kaħla (*Sprattus sprattus*) u l-barbun imperjali (*Scophthalmus maximus*) fil-Baħar l-Iswed, kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (i).

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni, inkluż is-sajd rikreattiv, fejn huma msemmijin b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ilmijiet internazzjonali" tfisser l-ilmijiet barra mis-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni ta' kwalunkwe Stat;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi ħajjin tal-baħar għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;

(c) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fis-sajd soġġett għall-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità tal-ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fis-sajd l-ieħor kollu, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk tul il-perjodu ta' sena;

(d) "kwota" tfisser proporzjon tat-TAC allokata lill-Unjoni jew lil Stat Membru;

(e) "kwota awtonoma tal-Unjoni" tfisser limitu ta' qbid allokat b'mod awtonomu lill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' TAC maqbula;

(f) "kwota analitika" tfisser kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha hemm disponibbli valutazzjoni analitika;

(g) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, ibbażata fuq id-data dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li rieżami xjentifiku indika li hija ta' kwalità biżżejjed biex tipprovdi parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(h) "irkaptu biex jinġemal-ħut" (FAD) tfisser kwalunkwe tagħmir ankrat fuq wiċċ il-baħar bl-objettiv li jattira l-ħut.

*Artikolu 4*

**Żoni tas-sajd**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) "subżoni ġeografiċi tal-GFCM" tfisser iż-żoni definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]);

(b) "Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(c) "punent tal-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1, 2, 5, 6, 7, 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(d) "Baħar Adrijatiku" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 17 u 18 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(e) "Fliegu ta' Sqallija" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 12, 13, 14, 15 u 16 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(f) "Baħar Jonju" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 19, 20 u 21 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(g) "Baħar Levant" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 24, 25, 26 u 27 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(h) "Baħar Alboran" tfisser l-ilmijiet fis-subżoni ġeografiċi 1 sa 3 tal-GFCM, kif definiti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011;

(i) "Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet fis-subżona ġeografika 29 tal-GFCM, kif definita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011.

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

TITOLU II

**OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD**

*KAPITOLU I*

***Baħar Mediterran***

*Artikolu 5*

## Qroll aħmar

1. Dan l-Artikolu japplika għall-attivitajiet kollha tas-sajd minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għal attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni li jaħsdu l-qroll aħmar (*Corallium rubrum*), jiġifieri sajd immirat u rikreattiv fil-Baħar Mediterran.

2. Għas-sajd immirat, l-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-kwantitajiet massimi tal-istokkijiet tal-qroll aħmar maħsuda mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u minn attivitajiet oħra tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu l-livelli stabbiliti fl-Anness I.

3. It-trażbord tal-qroll aħmar fil-baħar għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għall-paragrafu 2.

